



Brussell, 9 ta' Lulju 2025
(OR. en)

11433/25

Fajls Interistituzzjonal:
2025/0526 (COD)
2025/0531 (COD)

SIMPL 73
ANTICI 83
ENT 126
MI 520
IND 264
COMPET 713
CHIMIE 66
CONSOM 135
SAN 446
ENV 684
AGRI 338
BETREG 26
CODEC 996

PROPOSTA

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	9 ta' Lulju 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 531 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM (2025) 531 Final.



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Strasburgu, 8.7.2025
COM(2025) 531 final

2025/0531 (COD)

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009
fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{COM(2025) 526 final} - {SWD(2025) 531 final}

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

1.1. Raġunijiet u objettivi tal-proposta

L-industrija tal-kimika hija fost l-aktar setturi strateġikament sinifikanti fl-Unjoni Ewropea, hija l-pedament ta' bosta ekosistemi industrijali u taqdi rwol essenziali fl-innovazzjoni, fl-impjegi u fit-tkabbir sostenibbli. Hekk kif l-UE qed tagħmel progress fit-tranżizzjoni doppja tagħha lejn in-newtralità klimatika u t-tmexxija diġitali, ir-reżiljenza u l-kompetitività globali ta' dan is-settur saru saħansitra aktar essenziali.

Il-piżżejjiet regolatorji huma waħda miż-żewġ problemi ewlenin imsemmija min-negozji li joperaw fl-UE fir-rigward tal-klima tal-investiment. Ir-rapporti ta' livell ġholi ta' Enrico Letta¹ u ta' Mario Draghi poġġew it-tnaqqis tal-piżżejjiet regolatorji u s-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-UE fost il-prioritajiet ewlenin. Ir-regolamentazzjoni żejda hija meqjusa minn aktar minn 60 % tal-kumpaniji tal-UE bħala ostaklu għall-investiment, b'55 % tal-SMEs isemmu l-ostakli regolatorji u l-piż amministrattiv bħala l-akbar sfida tagħhom².

Fil-linji gwida politiċi tagħha għall-mandat tal-Kummissjoni Ewropea għall-2024–2029³, il-President von der Leyen iddeskrijet viżjoni ffokata fuq l-ixprunar tal-prosperità sostenibbli u t-tiċċiħ tal-kompetitività madwar l-Ewropa. Ċentrali għal din il-viżjoni huma l-isforzi biex jiġi ssimplifikati l-operazzjonijiet tan-negozju u biex is-Suq Uniku jiġi integrat ulterjorment.

L-aġenda tal-Kummissjoni Ewropea għal regolamentazzjoni ahjar⁴ tikkumplimenta dan u tfitteż li ttejjeb il-kompetitività tan-negozji tal-UE billi tiżgura li l-leġiżlazzjoni tilħaq l-għanijiet tagħha b'mod effiċjenti, mingħajr ma tpoġġi piżżejjiet żejda fuq il-partijiet ikkonċernati.

Il-Kummissjoni Ewropea affermat mill-ġdid l-impenn politiku tagħha li ttaffi l-piż regolatorju għan-nies, għan-negozji u għall-amministrazzjonijiet fl-UE biex jiżdiedu l-prosperità u r-reżiljenza tal-UE fil-Boxxla għall-Kompetitività tal-UE li tidentifika l-bidliet fil-politika li huma meħtieġa biex l-UE tħalli mar-realrajiet il-ġoddha u tiżviluppa modi ġoddha ta' kif naħdmu flimkien biex iż-żid il-ħeffa u l-kwalità tat-teħid tad-deċiżjonijiet. Għalhekk, il-Boxxla tistabbilixxi l-mira li l-piż amministrattiv jitnaqqas b'mill-inqas 25 % għall-kumpaniji kollha u b'mill-inqas 35 % għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises) mingħajr ma jiġi mminni l-għanijiet ta' politika rispettivi⁵.

L-istrateġija għas-Suq Uniku, adottata fil-21 ta' Mejju 2025, kompliet ittenni l-impenn favur aktar simplifikazzjoni u prontezza għal azzjonijiet immedjati biex titnaqqas il-burokrazija u biex l-affarijiet isiru sempliċi. L-istrateġija enfasizzat l-għan għal simplifikazzjoni li twassal

¹ E. Letta, Much more than a market, 2024, disponibbli fuq: <https://www.consilium.europa.eu/media/ny3j24sm/much-more-than-a-market-report-by-enrico-lealta.pdf>.

² M. Draghi, The future of European competitiveness, 2024, disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en?prefLang=mt#paragraph_47059, p. 18.

³ Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, disponibbli fuq: https://commission.europa.eu/document/download/e6cd4328-673c-4e7a-8683-f63ffb2cf648_mt.

⁴ Regolazzjoni aħjar: Ningħaqdu flimkien biex nagħmlu ligiġiet aħjar, COM(2021) 219 final, disponibbli fuq: <https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM:2021:219:FIN>.

⁵ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2025) 30 final: Boxxla għall-Kompetitività tal-UE, disponibbli fuq https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/competitiveness-compass_mt.

għal kostijiet aktar baxxi, proġettivitā ogħla, u funzjonament aħjar tas-Suq Uniku, filwaqt li tinżamm l-ambizzjoni dwar il-klima u s-sostenibbiltà, u r-responsabbiltajiet soċjali. Enfasizzat ukoll il-ħtieġa li jiġi żgurat li r-regoli dwar l-ittikkettar jibbilanċjaw il-ħtieġa li jkunu jinftieħmu b'mod ċar mill-konsumaturi mal-ħtieġa li jitnaqqsu l-ostakli tas-suq u l-piż għall-industrija⁶.

Skont dawk l-impenji, din l-inizjattiva għandha l-ġhan li tissimplifika u tintegra ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi identifikati bħala li huma partikolarmen ta' piż mill-industrija u mill-awtoritatijiet. Dawn id-dispożizzjonijiet kieku jibbenefikaw mis-simplifikazzjoni u l-modernizzazzjoni tar-regolamentazzjoni, li jagħmlu l-leġiżlazzjoni dwar il-kimika aktar effiċjenti u kosteffettiva għall-industrija, filwaqt li fl-istess ħin jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-ambjent. B'mod aktar spċificu, din l-inizjattiva għandha l-ġhan li tissimplifika ċerti dispożizzjonijiet u proċeduri tal-atti li ġejjin:

- **Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008** dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet⁷ (“ir-Regolament CLP”, classification, labelling and packaging), li jirrikjedi lill-operaturi ekonomiċi jikklassifikaw, jittikkettaw u jimballaw is-sustanzi kimiċi perikolużi tagħhom b'mod xiera qabel ma jqegħduhom fis-suq. Din l-inizjattiva qiegħda tfittex li tissimplifika u tippermetti aktar flessibbiltà għar-regoli dwar l-ifformattjar stabbiliti għall-ittikkettar ta' sustanzi kimiċi perikolużi, inklużi r-regoli dwar id-daqsijiet minimi obbligatorji tat-tipa u l-ispażju bejn il-linji, peress li dawn ġew identifikati bħala li huma partikolarmen ta' piż u għaljin għall-industrija⁸. Għandha wkoll l-ġhan li tiċċara r-regoli dwar id-derogi mir-rekwiżiti tal-ittikkettar għal pakketti iż-ġħar u r-regoli dwar l-ittikkettar tal-pompi tal-fjuwil. Sabiex jittaffa l-piż għan-negożji u biex tittejjeb iċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi u t-taħlitiet fis-suq intern mingħajr ma tīgi mminnata l-protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-ambjent, din l-inizjattiva tfittex ukoll li tnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar ir-reklamar u l-bejgħ mill-bogħod għal prodotti mqiegħda fis-suq għall-pubbliku ġenerali, filwaqt li jitqies il-fatt li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006⁹ (“REACH”, Registration, Evaluation, Authorisation and Restriction of Chemicals) digħi jipprevedi obbligli ċari dwar il-flusssi ta' informazzjoni fi ktajjen tal-provvista professjonal għas-sustanzi u t-taħlitiet. Barra minn hekk, hija tfittex li ttaff l-obbligi għar-reklamar ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi, billi tnaqqas l-ammont ta' informazzjoni li

⁶ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, COM(2025) 500 final: Strateġija biex is-Suq Uniku jsir semplice, bla xkiel u b'saħħtu, disponibbli fuq: https://single-market-economy.ec.europa.eu/publications/single-market-our-european-home-market-uncertain-world_mt.

⁷ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

⁸ Id-Dokument ta' ħidma tal-personal li jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għal prodotti kimiċi, SWD(2025) 531, p. 14.

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

għandha tīgħi pprovduta. Barra minn hekk, tissuġġerixxi li titneħħha l-iskadenza fissa ta' 6 xhur għall-aġġornament tat-tikketta, filwaqt li jinżamm ir-rekwiżit aktar flessibbli biex jiġi żgurat li t-tikketta tīgħi aġġornata mingħajr dewmien żejjed, peress li l-konformità mal-perjodu ta' 6 xhur dehret li kienet impossibbli fil-każ ta' ktajjen tal-provvista kumplessi. Fl-aħħar nett, tiproponi li l-użu tal-ittikkettar digħijs jisir aktar mifrux, u b'hekk tippermetti li jiġu pprovduti aktar biċċiet ta' informazzjoni fuq it-tikketta digħijs biss.

- **Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009** dwar il-prodotti kożmetici¹⁰ (“ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi”). L-emendi se jżommu l-livell ġholi ta’ sikurezza tal-prodotti kożmetiċi disponibbli għall-konsumaturi fis-suq tal-UE filwaqt li jistabbilixxu b'mod aktar espliċitu r-rekwiżiti attwali u jnaqqsu l-obbligi ta’ rapportar mhux meħtieġa għan-negozji u għall-awtoritajiet kompetenti. B'mod partikolari, il-proċedura għall-inklużjoni tal-koloranti, tal-preservattivi u tal-filtri tal-UV fl-Annessi IV, V u VI rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 se tīgħi stabbilita sabiex tiffaċilita l-proċess u tħaffef l-użu ta’ ingredjenti kożmetiċi ġoddha. L-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi jistabbilixxi li s-sustanzi li ġew ikklasseifikati bħala Karċinoġeni, Mutagenic jew Tossiċi għar-Riproduzzjoni (CMR, Carcinogenic, Mutagenic or Reprotoxic) fl-Anness VI tar-Regolament CLP huma pprojbiti għall-użu fi prodotti kożmetiċi, sakemm ma tkunx ingħatat eżenzjoni. Il-proċedura ta’ deroga eżistenti mill-projbizzjoni ġenerika dwar l-użu ta’ sustanzi CMR fi prodotti kożmetiċi se tīgħi stabbilita f’aktar dettall filwaqt li titqies l-esperjenza miksuba tul-aktar minn 10 snin ta’ prattika. Barra minn hekk, id-diġitalizzazzjoni tal-glossarju tal-ismijiet ta’ ingredjenti komuni se tiżgura li jkun hemm ittikkettar akkurat u aġġornat, u se tnaqqas ir-riskji regolatorji u l-iż-żbalji ta’ konformità. L-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi jirrikjedi li n-negozji jinnotifikaw lill-Kummissjoni bil-prodotti kożmetiċi kollha qabel ma jitqiegħdu fis-suq. Barra minn hekk, jekk dawk il-prodotti jkun fihom nanomaterjali, iridu jikkonformaw ma’ rekwiżiti ta’ notifika addizzjonali, peress li l-informazzjoni dwar prodotti bħal dawn, inkluża data dettaljata dwar in-nanomaterjali, trid tīgħi trażmess lill-Kummissjoni 6 xhur qabel ma jitqiegħdu fis-suq (l-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi). L-abolizzjoni tan-notifikasi minn qabel ta’ prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali, attwalment meħtieġa flimkien man-notifika ta’ prodotti kożmetiċi lill-Kummissjoni, u tal-obbligu ta’ rapportar bla bżonn fuq l-awtoritajiet kompetenti, se jnaqqsu l-piż amministrattiv fuq in-negozji u fuq l-Istati Membri.
- **Ir-Regolament (UE) 2019/1009** jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertillizzanti tal-UE¹¹ (“ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti”). L-inizjattiva għandha l-ġhan li tnejħhi r-rekwiżit estiż speċifiku tar-reġistrazzjoni skont REACH stabbilit fir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, sabiex id-dispożizzjonijiet “standard” f'REACH dwar is-sikurezza kimika jkunu japplikaw ukoll għal sustanzi użati fi prodotti fertillizzanti tal-UE. Tfittex ukoll li tagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tintrodu i kriterji u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi mill-manifatturi u mill-korpi

¹⁰ Ir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta’ Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (riformalazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oi>).

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta’ Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta’ prodotti fertillizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oi>).

notifikati. Barra minn hekk, l-inizjattiva tipproponi li titneħħa l-“klawżola ta’ separazzjoni” fl-Artikolu 43 tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, li tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta atti delegati separati fir-rigward ta’ kull kategorija ta’ materjali komponenti. Fl-aħħar nett, din l-inizjattiva tkompli tiddiġitalizza r-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, filwaqt li tallinja, fejn xieraq, mal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti [...] fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni¹².

1.2. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta’ politika kkonċernat

Il-proposta hija parti minn pakkett ta’ miżuri dwar is-simplifikazzjoni, li għandhom l-għan li jnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet għall-industriji. Flimkien mal-Pjan ta’ Azzjoni li jipprovdi argument għall-vijabbiltà robust biex jiġu indirizzati l-isfidi attwali li qed tiffaċċja l-industrija tas-sustanzi kimiċi u biex jiġu xprunati l-investimenti għat-tkabbir fit-tul tagħha, u l-Proposta li tipposponi d-dati tal-applikabbiltà ta’ ċerti rekwiżiti għas-sustanzi kimiċi, din il-proposta se tikkontribwixxi għat-titħbi tal-kompetittività tas-sustanzi kimiċi u tiżgura Suq Uniku li jiffunzjona tajjeb għas-sustanzi kimiċi, filwaqt li tiżgura l-istess livell ta’ protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-ambjent.

L-inizjattiva hija wkoll konformi mal-proposta fir-rigward tal-prontezza tad-difiża¹³ adottata fis-17 ta’ Ġunju 2025, li fiha simplifikazzjonijiet u kjarifiki speċifiċi għad-difiża ta’ ċerti leġiżlazzjonijiet dwar is-sustanzi kimiċi, inklużi r-REACH, ir-Regolament CLP u r-Regolament dwar il-Prodotti Bijoċidali¹⁴, u li twessa’ l-kundizzjonijiet għall-użu tal-eżenzjonijiet nazzjonali skont dawk ir-Regolamenti.

Barra minn hekk, tqis u tallinja ma’, fejn xieraq, proposti reċenti oħra fil-qasam tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, bħall-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar deterġenti u aġenti tensjoattivi¹⁵.

1.3. Konsistenza ma’ politiki oħra tal-Unjoni

Fil-programm dwar l-idoneità u l-prestazzjoni tar-regolamentazzjoni (REFIT, regulatory fitness and performance programme), il-Kummissjoni tiżgura li l-leġiżlazzjoni tagħha hija adattata għall-iskop tagħha, imfassla apposta għall-ħtiġijiet tal-partijiet ikkonċernati, u timminimizza l-piżjiet filwaqt li tilħaq l-objettivi tagħha. Għalhekk, din il-proposta hija parti mill-programm REFIT, bl-għan li jitnaqqsu l-piżjiet tar-rapportar li jirriżultaw mil-leġiżlazzjoni tal-UE filwaqt li jiġi żgurat li jinżamm l-istess livell ta’ protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-ambjent.

Din il-proposta ssegwi fil-kuntest ta’ sensiela ta’ pakketti ta’ simplifikazzjoni¹⁶.

F’konformità mal-istandard għoljin ta’ protezzjoni u sikurezza ambjentali, il-proposta hija allinjata wkoll mal-impenji tal-Kummissjoni fil-Patt għal Industrija Nadifa¹⁷ sabiex jiġu

¹² COM(2025) 504.

¹³ Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1907/2006, (KE) Nru 1272/2008, (UE) Nru 528/2012, (UE) 2019/1021 u (UE) 2021/697 fir-rigward tal-prontezza tad-difiża u l-iffaċilitar tal-investimenti fid-difiża u tal-kundizzjonijiet għall-industrija tad-difiża, COM(2025) 822 final.

¹⁴ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).

¹⁵ COM(2023)217.

¹⁶ COM(2025)80, COM(2025)81, COM(2025)84, COM(2025)87, COM(2025) 236 final, COM(2025)503, COM(2025) 504, COM(2025) 822 final.

¹⁷ COM(2025) 85 final.

żgurati l-produzzjoni sostenibbli fl-Ewropa u l-objettiv ġenerali tal-Unjoni li tiġġura l-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent.

Din l-inizjattiva tikkontribwixxi wkoll għas-simplifikazzjoni tas-settur agroalimentari, kif imħabbar fil-Viżjoni għall-Agrikoltura u l-Ikel¹⁸.

2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

2.1. Bażi legali

Il-bażi legali tal-proposta hija l-Artikolu 114 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-bażijiet legali oriġinali għall-adozzjoni tal-atti legali li din il-proposta għandha l-għan li temenda.

2.2. Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)

Ir-Regolament CLP, ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi u r-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti ġew adottati fil-livell tal-UE peress li l-objettivi ta' dawk ir-Regolamenti ma setgħux jintlaħqu biżżejjed fil-livell tal-Istati Membri. Sabiex jissolvew l-istess problemi, azzjoni waħda fil-livell tal-UE tqieset li tkun inqas għalja u aktar effiċjenti minn miżuri nazzjonali fis-27 Stat Membru. Għaldaqstant, jeħtieġ li l-emendi ta' dawn ir-Regolamenti jsiru fil-livell tal-UE.

2.3. Proporzjonalità

L-inizjattiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex jintlaħqu l-objettivi ta' simplifikazzjoni u ta' tnaqqis tal-piż mingħajr ma titnaqqas il-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent.

2.4. Għażla tal-istrument

Din il-proposta għal reviżjoni hija proposta leġiżlattiva, peress li r-Regolament CLP, ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi u r-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti ġew adottati permezz ta' kodeċiżjoni/proċedura leġiżlattiva ordinarja u għalhekk il-biċċa l-kbira tal-emendi ta' dawk ir-Regolamenti jeħtieġ li jiġu adottati permezz ta' proċedura leġiżlattiva ordinarja.

Għalkemm il-Kummissjoni għandha s-setgħa skont l-Artikolu 53 tar-Regolament CLP li temenda l-Annessi ta' dak ir-Regolament sabiex tadattahom għall-progress tekniku u xjentifiku, l-emendi għall-Anness I u l-Anness II huma relatati mill-qrib mal-emendi fil-korp ewlieni ta' dan ir-Regolament li jistgħu jiġu adottati biss permezz tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja. Għalhekk huwa xieraq li jiġu inklużi l-emendi ta' dawn l-Annessi f'din l-inizjattiva.

Il-Kummissjoni għandha s-setgħa skont l-Artikolu 42(1) tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti li temenda l-Annessi I, II, III u IV tar-Regolament sabiex tadatta dawk l-Annessi għall-progress tekniku u tiffaċilita l-aċċess għas-suq intern u l-moviment liberu għall-prodotti fertilizzanti tal-UE. Madankollu, il-Kummissjoni għażiżlet il-proċedura leġiżlattiva ordinarja għall-emenda proposta tal-Annessi, minħabba li l-biċċa l-kbira minnhom huma relatati mill-qrib mal-emendi fil-korp ewlieni tar-Regolament. Barra minn hekk, minħabba l-“klawżola ta' separazzjoni” fl-Artikolu 43 tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, l-emendi għall-Kategoriji tal-Materjali Komponenti fl-Anness II jkunu jeħtieġu l-adozzjoni ta' tnax-il att delegat.

¹⁸ Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni, Viżjoni għall-Agrikoltura u għall-Ikel – Insawru flimkien settur tal-biedja u tal-ikel attraenti tal-UE għall-ġenerazzjonijiet futuri, COM/2025/75 final.

3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET EX POST, TALKONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

3.1. Evalwazzjonijiet ex post/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Din il-proposta hija akkumpanjata minn dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jinkludi ħarsa ġenerali dettaljata tal-impatt tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni kimika li huma proposti li jiġu emendati. Tiprovali wkoll analiżi tal-impatti pożittivi tal-miżuri proposti, abbażi tad-data u l-informazzjoni eżistenti miġbura matul id-diversi Verifikasi tar-Realtà u skont il-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar sa fejn hu possibbli.

Il-proposta tqis ukoll l-analiżijiet preċedenti, bħall-Kontroll tal-Idoneità tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi l-aktar rilevanti¹⁹, il-valutazzjonijiet tal-impatt dwar il-prodotti fertilizzanti²⁰ u għar-reviżjoni tas-CLP²¹ u l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti²².

3.2. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Bi tħejjija għall-proposta, il-Kummissjoni kkonsultat lill-partijiet ikkonċernati fi tliet Verifikasi tar-Realtà, waħda għal kull Regolament li se jiġi emendat, u stiednet lill-parteċipanti jibagħtu feedback bil-miktub wara dawn il-laqgħat. Barra minn hekk, tqajmu diversi suġġerimenti għas-simplifikazzjoni jew għall-kjarifika ta' ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u għat-tnejħha tal-piż amministrattiv eċċessiv li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet permezz tal-proposti tal-partijiet ikkonċernati għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-sustanzi kimiċi²³ u ta' diversi dokumenti ta' pożizzjoni li waslu qabel u wara l-Verifikasi tar-Realtà. Sommarji dettaljati ta' dawn l-attivitàjet ta' konsultazzjoni u l-kontribut riċevut huma meħmuża mad-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja din il-proposta.

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008

Fis-16 ta' Mejju 2025, il-Kummissjoni Ewropea organizzat Verifikasi tar-Realtà, bl-għan li tiġib feedback prattiku dwar ir-Regolament CLP rivedut, li saret online u li attirat lil aktar minn 570 parteċipant mill-industrija, gruppi tal-konsumaturi u ambjentali, prattikanti legali, u awtoritajiet nazzjonali. L-avveniment iffosha fuq l-identifikazzjoni ta' opportunitajiet ta' simplifikazzjoni wara l-adozzjoni tar-Regolament (UE) 2024/2865, filwaqt li nżamm l-istess livell ta' protezzjoni tas-sahħha tal-bniedem u tal-ambjent. Il-partijiet ikkonċernati ġew mistiedna jaqsmu l-esperjenzi u proposti konkreti dwar kif ir-regoli l-ġodda jistgħu jsiru aktar prattiċi, b'mod partikolari f'kuntesi operazzjonali u multilingwi.

Tħassib ewljeni espress mill-parteċipanti kien l-impatt tar-regoli obbligatorji ġodda dwar l-ifformattjar għat-tikketti, inklużi d-daqšíjet tat-tipa preskrittivi, l-ispazju bejn il-linji, u r-rekwiżit ta' test iswed fuq sfond abjad. Ħafna argumentaw li dawn ir-regoli introduċew

¹⁹ SWD(2019) 199 final.

²⁰ SWD(2016) 64 final.

²¹ SWD(2022) 435 final.

²² SWD(2019) 298 final.

²³ Pereżempju: CEFIC, Towards a simpler, faster and more supportive legislative framework to help restore Europe's competitiveness, p. 2, disponibbli fuq <https://cefic.org/resources/cefic-views-towards-a-simpler-faster-and-more-supportive-legislative-framework-to-help-restore-europe-s-competitiveness/>; VCI, Proposta Omnibus, p. 4, disponibbli fuq <https://www.vci.de/ergaenzende-downloads/vci-sectorial-omnibus-chemical-industry.pdf>; Business Europe, Reducing regulatory burden to restore EU's competitive edge, p. 12, disponibbli fuq: https://www.businesseurope.eu/wp-content/uploads/2025/02/2025-01-22_businesseurope_mapping_of_regulatory_burden-d55-1.pdf.

kostijiet sproporzjonati, speċjalment għal prodotti ttikkettati b'diversi lingwi jew mibjugħha f'formati ta' imballaġġ żgħar. Kien hemm twissijiet mifruxa li dawn il-bidliet setgħu jżidu l-iskart mill-imballaġġ u jisforzaw l-użu ta' tikketti li jintwew għaljin. Fl-istess ħin, il-partijiet ikkonċernati rrikonoxxew l-importanza li jiġu protetti l-konsumaturi u l-ħaddiema, filwaqt li nnutaw li kwalunkwe azzjoni ta' simplifikazzjoni trid tiżgura l-leġibbiltà u c-ċarezza tal-informazzjoni dwar il-perikli.

It-tieni punt ta' nuqqas ta' qbil kien ir-regoli riveduti dwar ir-reklamar, li jeħtieġu li tīgħi inkluża informazzjoni dettaljata dwar il-perikli – inklużi pittogrammi, kliem bħala sinjal, dikjarazzjonijiet ta' periklu u stedina biex tinqara l-informazzjoni fuq it-tikketta – f'materjali promozzjonali. Ħafna parteċipanti qjesu dan l-approċċe bħala eċċessiv u mhux adattat għall-mezzi moderni ta' reklamar, b'mod partikolari l-formati online bi twaqqit u spazju limitati. Tqajjem tħassib li tali rekwiżiti jistgħu jnaqqsu, b'mod paradossali, il-fehim mill-pubbliku billi jgħabbi lill-konsumaturi b'informazzjoni densa. Is-sentiment prevalent kien li messaġġi aktar semplicej – bħal li l-utenti jiġu mħeġġa jikkonsultaw it-tikketta tal-prodott – ikunu aktar effettivi u proporzjonati. Kien hemm ukoll appoġġ qawwi għall-eżenzjoni totali tar-reklamar B2B²⁴, fejn il-partijiet ikkonċernati indikaw l-adegwatezza tal-għodod ta' komunikazzjoni eżistenti bħall-SDS għall-udjenzi professjonal.

Lil hinn minn dawn iż-żewġ kwistjonijiet fokali, il-partijiet ikkonċernati esprimew nuqqas qawwi ta' sodisfazzjon bl-iskadenza stretta ta' 6 xhur għas-sustanzi awtoklassifikati. Il-perjodi qosra ta' implementazzjoni għall-aġġornamenti tat-tikketti u l-bidliet fil-klassifikazzjoni tqiesu bħala ġela u li kienu allinjati ħażin mal-għanijiet tal-Patt Ekoloġiku. Id-diġitalizzazzjoni feġġet bħala tema rikorrenti, b'ħafna parteċipanti jħeġġu lill-Kummissjoni tespandi l-bażi legali għall-ittekkettar diġitali u tippermetti li l-informazzjoni titwassal b'mod aktar flessibbli, b'mod partikolari f'kuntesti multilingwi u industrijali.

L-avveniment inkluda tliet stħarriġiet immirati, li kkonfermaw ħafna mill-fehmiet li tqajmu matul id-diskussjonijiet. Maġġoranza kbira ta' dawk li wieġbu ħassew li r-regoli l-ġoddha tal-ifformattjar u tar-reklamar kienu ta' piż bla bżonn u kien wasal iż-żmien li jiġu ssimplifikati. Il-partijiet ikkonċernati ffavorew soluzzjonijiet diġitali, skedi ta' żmien itwal, allinjament regolatorju aħjar, u mekkaniżmi ta' implementazzjoni aktar flessibbli. Ħafna esprimew ukoll dubji dwar id-dipendenza fuq konsultazzjonijiet online bbażati fuq avvenimenti, u minflok talbu proċessi aktar formali u xprunati mid-data.

B'reazzjoni għal dan u bħala segwit għall-Verifika tar-Realtà, il-Kummissjoni rċeviet aktar minn 150 dokument ta' pożizzjoni dettaljati mill-partijiet ikkonċernati, li jappoġġaw il-fehmiet espressi matul l-avveniment u jipprovdu suġġerimenti addizzjonali, data u stimi tal-kostijiet.

Ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi (KE) Nru 1223/2009

Il-Verifika tar-Realtà fuq il-kożmetiċi saret fis-16 ta' Mejju 2025. Madwar 268 parti kkonċernata rreġistraw għal-laqgħa u madwar 226 eventwalment ingħaqdu fil-laqgħa online. Sas-6 ta' Ġunju 2025, kien wasal feedback bil-miktub mingħand 51 parti kkonċernata.

Fir-rigward tat-tnaqqis tal-piż amministrattiv u ta' konformità li l-bidliet fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi se jgħib, il-partijiet ikkonċernati laqgħu b'mod wiesa' l-emendi proposti. Xi parteċipanti enfasizzaw il-ħtieġa għal riassigurazzjoni li kwalunkwe inizjattiva ta' simplifikazzjoni dwar il-kożmetiċi ma għandhiex tikkomprometti l-objettivi ta' politika ewlenin tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi. B'mod spċificu, huma enfasizzaw li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' sustanza bħala CMR trid tkompli tiskatta

²⁴ Minn negozju għal negozju (business-to-business).

projbizzjoni fuq l-użu tagħha fil-kożmetiċi, u li d-derogi minn din il-projbizzjoni għandhom jingħataw biss f'każijiet eċċeazzjonal. Oħrajn saħqu li r-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi jrid ikompli jipproteġi lill-konsumatur mis-sustanzi kimiċi ta' ħsara u wissew kontra perjodi ta' tranżizzjoni twal iżżejjed, li huma avżaw li jistgħu jestendu l-esponiment tal-konsumatur għal sustanzi perikolużi.

Fir-rigward tal-proposta għal proċedura li tiffaċilita ż-żieda ta' koloranti, preservattivi, u filtri tal-UV mal-Annessi IV–VI, il-biċċa l-kbira tal-parteċipanti qablu li l-istabbiliment ta' tali proċedura jkun ta' beneficiju. Parti kkonċernata waħda ssuġġeriet li, bħala parti minn din il-proċedura, il-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS, Scientific Committee on Consumer Safety)²⁵ għandu jingħata l-kompli li jirrieżamina s-sikurezza tas-sustanzi kollha fil-listi pożittivi kull 10 snin, bħall-proċess ta' rieżami skont l-awtorizzazzjonijiet tar-REACH.

Il-Kummissjoni fittxet il-fehmiet tal-partijiet ikkonċernati dwar ir-rilevanza tal-glossarju tal-ismijiet ta' ingredjenti komuni li skont l-Artikolu 33 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi jrid jiġi adottat mill-Kummissjoni u ppubblikat f'Il-Ġurnal Ufficijali tal-UE, u tissuġġerixxi li jista' jiġi sostitwit b'referenza fir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi għan-nomenklatura tal-ingredjenti kożmetiċi rikonoxxuta internazzjonalment. Matul id-diskussjoni, diversi parteċipanti esprimew preferenza għaż-żamma tal-glossarju bħala sors ta' ismijiet tal-ingredjenti legalment vinkolanti iż-żda rrakkmandaw li dan isir f'format elettroniku – integrat fil-bażi tad-data CosIng²⁶ – biex jippermetti aġġornamenti aktar frekwenti u jipprovd esperjenza mtejba b'mod sinifikanti tal-utenti.

Madankollu, xi partijiet ikkonċernati argumentaw li l-glossarju jew ma għadux meħtieġ jew ikun jeħtieġ titħej biex jibqa' utli.

Is-suġġerimenti għat-titħej inkludew ukoll is-simplifikazzjoni tal-proċessi ta' notifika billi wieħed jibbaża fuq l-Artikolu 13 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi biex jiġi evitat li prodott jiġi nnotifikat darbejn u jitnaqqsu l-kostijiet tal-industrija mingħajr ma tīgi kompromessa s-sikurezza tal-prodotti. Il-maġġoranza l-kbira tal-partijiet ikkonċernati qablu li r-rekwiżiti ta' qabel in-notifika jimponu piżżejjiet u kostijiet sinifikanti u sproporzjonati fuq l-industrija tal-kożmetiċi.

Skont diversi awtoritajiet kompetenti, l-obbligu skont l-Artikolu 22 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi li jirrikjedi lill-Istati Membri jirrieżaminaw u jivvalutaw perjodikament il-funzjonament tal-attivitàjiet ta' sorveljanza tagħhom u jikkomunikaw ir-riżultati ta' tali rieżami lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni, ipoġġi piż-ċċessiv mhux meħtieġ fuq l-awtoritajiet kompetenti billi l-għodod eżistenti, bħas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS, Information and Communication System on Market Surveillance)²⁷, digħi jintużaw għar-rapportar u l-kondiżjoni ta' informazzjoni dwar miżuri ta' sorveljanza tas-suq fost l-awtoritajiet kompetenti tal-UE. Barra minn hekk, il-PEMSAC – il-pjattaforma għall-korpi ta' sorveljanza tas-suq għall-kożmetiċi, tappoġġa approċċi koerenti għall-infurzar tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi. Xi parteċipanti wissew kontra l-introduzzjoni ta' miżuri li jistgħu jdgħajfu s-sorveljanza fil-livell tal-UE tal-attivitàjiet nazzjonali ta' sorveljanza tas-suq.

²⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1514 tas-7 ta' Awwissu 2015 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat Xjentifiċi fil-qasam tas-saħħa pubblika, tas-sikurezza tal-konsumatur u tal-ambjent (ĠU L, 2024/1514, 31.5.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/1514/oi>).

²⁶ <https://ec.europa.eu/growth/tools-databases/cosing/>

²⁷ L-ICSMS hija l-pjattaforma ta' komunikazzjoni komprensiva għas-sorveljanza tas-suq dwar prodotti mhux tal-ikel u għar-rikonoxximent reċiproku għall-oġġetti, <https://webgate.ec.europa.eu/single-market-compliance-space/market-surveillance>.

Saru diversi suġġerimenti għal aktar simplifikazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi, li jmorru lil hinn minn dan l-eżerċizzju ta' simplifikazzjoni mmirat ħafna. Dawk l-aspetti jistgħu jiġu investigati ulterjorment fil-kuntest tal-evalwazzjoni li għaddejja tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi.

Ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti (UE) 2019/1009

Il-Verifika tar-Realtà għar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti saret bħala parti mil-laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Kummissjoni dwar il-prodotti fertilizzanti fis-7 ta' Mejju 2025. Madwar 135 parti kkonċernata rregistrast għal-laqgħa u eventwalment attendew 91. Sas-6 ta' Ġunju 2025, kien wasal feedback bil-miktub mingħand 26 parti kkonċernata.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati kkonfermaw li r-rekwiżit estiż tar-reġistrazzjoni tar-REACH skont ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti jippreżenta sfidi sinifikanti għall-manifatturi tal-prodotti fertilizzanti tal-UE. Il-kostijiet għall-konformità ma' dan ir-rekwiżit ivarjaw bejn EUR 10 000 u EUR 500 000, skont jekk is-sustanza hijiex irregestrata u skont il-medda ta' tunnellaġġ u l-firxa ta' data addizzjonali meħtieġa, li jirriżultaw f'żieda fil-prezz għas-sustanza inkwistjoni ta' 40 %-540 %. Dan il-proċess jimpedixxi l-aċċess għas-suq uniku, u xi partijiet ikkonċernati jistgħu jibqgħu jqiegħdu il-prodotti tagħhom fis-swieq nazzjonali, filwaqt li jiffaċċejaw diversi proċessi għal-reġistrazzjonijiet nazzjonali jew rikonoxximent reċiproku.

Ħafna partijiet ikkonċernati kienu favur l-applikazzjoni tar-rekwiżiti normali tar-reġistrazzjoni tar-REACH, inklużi l-gradazzjonijiet skont it-tunnellaġġ, għas-sustanzi kollha jew għall-biċċa l-kbira tagħhom, waħedhom jew f'tħalliġiet, fil-prodotti fertilizzanti tal-UE. Madankollu, diversi partijiet ikkonċernati qiesu li r-reġistrazzjoni estiżha tar-REACH għandha tinżamm, tal-anqas għal-ċerti sustanzi perikolużi ħafna, bħal dawk persistenti, bijoakkumulattivi u tossiċi, u għal-ċerti sustanzi mhux magħrufa u bijoloġikament attivi, filwaqt li titqies ukoll in-natura speċifika tal-użu tal-prodott fertilizzanti, jiġifieri l-applikazzjoni kontinwa u spiss fuq skala kbira fuq il-ħamrija.

Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati laqgħu l-kunsiderazzjonijiet tal-Kummissjoni dwar l-introduzzjoni ta' proċedura simplifikata għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi (Kategorija tal-Materjali Komponenti 7) użati fil-bijostimulant mikrobiċi tal-pjanti. Huma jqis u l-mekkaniżmu attwali għall-permess ta' varjanti addizzjonali ta' mikroorganiżmi fil-prodotti fertilizzanti tal-UE skont ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti bħala inkonsistenti mad-domandi u mar-ritmu ta' żvilupp rapidu tas-settur tal-bijostimulant tal-pjanti li qed jikber malajr. Diversi partijiet ikkonċernati enfasizzaw li dan il-proċess jimpedixxi l-aċċess għas-suq għall-bijostimulant mikrobiċi tal-pjanti, jiskoragħixxi l-innovazzjoni u l-investiment, u jittardja d-disponibbilta ta' dawn il-prodotti għall-bdiewa.

Ħafna partijiet ikkonċernati li pparteċipaw fil-Verifika tar-Realtà kienu ġeneralment favur approċċ ibbażat fuq il-kriterji, flimkien ma' metodoloġija għall-manifatturi u l-korpi notifikati biex jivvalutaw il-konformità mal-kriterji. Madankollu, xi partijiet ikkonċernati ma kinu konvinti li għandhom iħallu l-valutazzjoni f'idejn il-manifatturi u l-korpi notifikati u diversi minnhom kienu favur valutazzjoni minn korp indipendenti, bħall-Awtorită Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA, European Food Safety Authority).

Filwaqt li d-diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti ta' rapportar skont ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti ma kinitx tidher li hija l-aktar tħassib rilevanti tal-partijiet ikkonċernati fil-Verifika tar-Realtà, diversi partijiet ikkonċernati, inklużi l-industria u l-awtoritatjiet, enfasizzaw fis-sottomissionijiet bil-miktub tagħhom li d-diġitalizzazzjoni tar-rekwiżiti tal-informazzjoni tista' tnaqqas il-piż amministrattiv għall-kumpaniji u għall-awtoritatjiet peress li l-ġestjoni elettronika tista' tiffaċċilita l-iskambju, il-ħażin u l-aċċess għall-informazzjoni,

tnaqqsas l-iżbalji assoċjati mal-proċess manwali, u timminimizza l-użu tal-karti u l-kostijiet marbuta mal-immaniġġar ta' dokumenti fiżiċi.

Ġie espress xi tħassib fir-rigward taċ-ċibersigurtà, id-disponibbiltà u l-interoperabbiltà tal-infrastruttura diġitali, il-kostijiet għall-akkwist tat-teknoloġija meħtieġa u, fir-rigward tal-esportazzjonijiet, is-sistemi bbażati fuq il-karti f'pajjiżi terzi. Diversi partijiet ikkonċernati indikaw li l-industria u l-awtoritajiet sejkollhom bżonn bejn sentejn u 3 snin biex jaġġustaw għar-rekwiżiti digħiċċi l-għoddha, filwaqt li waħda minnhom issuġġeriet bejn sena u sentejn.

Il-partijiet ikkonċernati ma ġewx ikkonsultati dwar it-tħassir tal-“klawżola ta’ separazzjoni”, peress li din l-emenda hija principally simplifikazzjoni tal-proċeduri tal-Kummissjoni. Madankollu, dan ikun ta’ beneficiju wkoll għall-industria u għall-awtoritajiet, peress li l-emendi meħtieġa permezz ta’ atti delegati jistgħu jsiru aktar malajr. Barra minn hekk, il-konsultazzjoni obbligatorja fil-Grupp ta’ Esperti tal-Kummissjoni u tal-pubbliku għall-atti delegati tiġi ssimplifikata.

Saru diversi suġġerimenti oħra għal aktar simplifikazzjoni tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, li jmorru lil hinn minn dan l-eżerċizzju ta’ simplifikazzjoni mmirat ħafna. Uħud minn dawk l-aspetti jistgħu jiġu investigati ulterjorment fil-kuntest tal-evalwazzjoni li għaddejja. Oħrajn, relatati mal-ittikkettar diġitali, jistgħu jitqiesu fil-kuntest tal-evalwazzjoni tar-regoli tal-ittikkettar diġitali f'konformità mal-Artikolu 49a tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti. Xi proposti jistgħu jiġi implementati wkoll permezz ta’ atti delegat.

3.3. Ĵbir u użu tal-għarfien espert

Tqajmu suġġerimenti differenti għall-kjarifika ta’ ċerti dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi u għat-tnejħiha tal-piż amministrattiv eċċessiv li jirriżulta minn dawn id-dispożizzjonijiet permezz tal-proposti tal-partijiet ikkonċernati għas-simplifikazzjoni tal-leġiżlazzjoni Ewropea dwar is-sustanzi kimiċi. Barra minn hekk, b’reazzjoni għal dan u bħala segwit għall-Verifikasi tar-Realtà msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni riċeviet aktar minn 150 dokument ta’ pożizzjoni dettaljati mill-partijiet ikkonċernati, li jappoġġaw il-fehmiet espressi matul l-avveniment u jipprovd u suġġerimenti addizzjonal, data u stimi tal-kostijiet. Sommarji dettaljati ta’ dawn l-attivitàajiet ta’ konsultazzjoni u l-kontribut riċevut huma meħmuża mad-dokument ta’ ħidma tal-personal li jakkumpanja din il-proposta.

3.4. Valutazzjoni tal-impatt

Minħabba l-ħtieġa li titressaq b'mod urġenti proposta biex jiġi indirizzati l-problemi identifikati sabiex jitnaqqsu l-piż amministrattiv u l-kostijiet eċċessivi għan-negozji, ma kienx possibbli li titħejja valutazzjoni tal-impatt sħiħa.

Madankollu, skont il-prinċipji ta’ regolamentazzjoni aħjar, din il-proposta hija akkumpanjata minn dokument ta’ ħidma tal-personal tal-Kummissjoni li jinkludi analiżi tal-impatti tal-miżuri proposti, abbażi tad-data eżistenti u l-informazzjoni miġbura matul id-diversi Verifikasi tar-Realtà, l-input bil-miktub riċevut mill-partijiet ikkonċernati u analiżiċċi preċedenti, bħall-Kontroll tal-Idoneità tal-aktar leġiżlazzjoni rilevanti dwar is-sustanzi kimiċi, il-valutazzjoni tal-impatt dwar il-prodotti fertillizzanti u għar-reviżjoni tas-CLP, u l-evalwazzjoni tar-Regolament dwar id-Deterġenti.

Abbażi tal-informazzjoni disponibbli, huwa mistenni li l-emendi jinvolu ffrankar sinifikanti ta’ kostijiet għall-industria u għall-awtoritajiet. Fir-rigward tal-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi kimiċi, l-iffrankar mill-bidliet proposti għar-rekwiżiti tad-daqs tat-tipa u r-regoli tipografiċi relatati għas-settur tas-sustanzi kimiċi tal-UE ġie stmat b'mod konservattiv li jamonta għal mill-inqas EUR 333 000 000. Barra minn hekk, it-taffija tal-obbligi għar-reklamar ta’ sustanzi u taħlitiet perikolużi, u t-naqqis tal-kamp ta’ applikazzjoni

tal-obbligli għar-reklamar ġħall-pubbliku ġenerali, huma mistennija li jiffrankaw lis-settur tas-sustanzi kimiċi tal-UE mill-inqas EUR 30 000 000 fis-sena.

Fir-rigward tal-kożmetiċi, il-miżuri proposti se jeħilsu lill-manifatturi tal-kożmetiċi, speċjalment lill-SMEs, mill-konformità u mill-piż amministrattiv bla bżonn, li se tippermettilhom iċaqilqu r-riżorsi finanzjarji u umani mill-kompliti ta' konformità u amministrattivi għar-R&Ż u l-innovazzjoni. Il-bidliet se jippermettu lin-negozji kożmetiċi tal-UE (li 98 % minnhom huma SMEs) iżidu u jkunu aktar kompetittivi fl-UE u fix-xena globali.

Fir-rigward tal-prodotti fertillzanti tal-UE, se jitneħħha l-ostaklu tal-kostijiet għall-konformità mar-rekwiżiti estiżi tar-reġistrazzjoni tar-REACH għas-sustanzi fil-prodotti fertillzanti tal-UE (kostijiet amministrattivi għall-industrija kollha ta' mill-inqas madwar EUR 200 000 u kostijiet addizzjonali ħafna oħġla għall-ittejt, skont is-sustanza). Il-manifatturi tal-prodotti fertillzanti jiġu mħeġġa jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom fis-Suq Uniku skont ir-regoli tar-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti. B'dan il-mod, dawn jistgħu jiffrankaw it-tariffi għar-reġistrazzjonijiet nazzjonali (sa EUR 50 000 għal kull prodott għal kull Stat Membru) u l-kostijiet tal-adattament (b'firxa stmata ta' EUR 15 000 sa EUR 43 000 għal kull prodott għal kull Stat Membru).

Ma hu mistenni l-ebda impatt detrimentali fuq is-saħħha tal-bniedem u fuq l-ambjent. It-tnejħha ta' ċerti obbligli skont it-tliet biċċiet ta' leġiżlazzjoni mhux se tikkomprometti l-livell għoli ta' protezzjoni żgurat mill-qafas legali ġenerali tal-UE għas-sustanzi u l-prodotti kimiċi. Fl-istess ħin, ċerti beneficiċċi ambjentali jistgħu jkunu mistennija mill-emendi proposti. Il-bidliet fir-rekwiżiti tal-ifformattjar skont ir-Regolament CLP se jgħinu biex jiġu evitati l-ittikkettar mill-ġdid u l-imballaġġ mill-ġdid enormi li jwasslu għal skart eċċessiv. Barra minn hekk, skont ir-Regolament dwar il-Prodotti Fertilizzanti, id-diġitalizzazzjoni tal-obbligli ta' rapportar se tnaqqas l-użu tal-karti. Barra minn hekk, l-iffaċilitar tal-użu ta' mikroorganiżmi fil-prodotti fertillzanti tal-UE huwa mistenni li jkollu impatti pożittivi fuq il-ħamrija. Il-bijostimulanti mikrobiċi tal-pjanti jarrikkixxu l-bijodiversità mikrobika fil-ħamrija u għandhom effetti pożittivi fuq l-użu ta' nutrijenti digħi preżenti fil-ħamrija jew offruti permezz tal-użu ta' fertillzanti. Għalhekk, dawn jistgħu jgħinu lill-bdiewa jużaw skemi ta' biedja ta' preċiżjoni, inaqqsu r-riskju ta' eċċess ta' nutrijenti u l-iskular jew il-lissija tan-nutrijenti f'ambjenti akkwatiċi. Billi tnaqqas l-użu tar-riżorsi naturali u tnaqqas il-ħolqien tal-iskart, l-inizjattiva hija konsistenti mal-ilħuq tal-miri klimatiċi tal-UE li l-emissjonijiet ta' gassijiet serra jitnaqqsu b'55 % sal-2030 u b'90 % sal-2040.

3.5. Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni

Din il-proposta hija parti mill-impenn tal-Kummissjoni Ewropea li ttaffi l-piż regolatorju għan-nies, għan-negożji u għall-amministrazzjonijiet fl-UE biex jiżdiedu l-prosperità u r-reżiljenza tal-UE. Għalhekk, il-proposta għandha l-għan li tissimplifika d-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni dwar is-sustanzi kimiċi, tnaqqas il-piżżejjiet u l-kostijiet bla bżonn għan-negożji, mingħajr ma ddgħajnej il-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent.

3.6. Drittijiet fundamentali

Il-proposta tirrispetta d-drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea²⁸ u taderixxi mal-prinċipji rikonoxxuti fiha. It-naqqis tal-piż amministrattiv fuq il-kumpaniji għandu jwassal għal gwadanni soċjetali f'termini ta' ħolqien tal-ġid, tal-impjieg u tal-innovazzjoni. Fl-istess ħin, il-proposta tfitħtex li tiżgura livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent. Barra minn hekk, il-proposta hija mistennija li jkollha impatt pożittiv fuq l-ambjent, peress li l-emendi proposti se jnaqqsu l-

²⁸

ĠU C 326, 26.10.2012, p. 391, ELI: http://data.europa.eu/eli/treaty/char_2012/oi.

ammont ta' dokumentazzjoni bbażata fuq il-karti u se jnaqqsu l-ħtieġa għall-ittikkettar mill-ġdid u l-imballaġġ mill-ġdid, u b'hekk inaqqsu wkoll l-ammont ta' skart. Għalhekk, il-proposta hija konsistenti wkoll mat-twettiq tal-objettiv tan-newtralità klimatika kif mitlub mil-Liġi Ewropea dwar il-Klima. Ma għandha l-ebda impatt fuq l-ugwaljanza bejn il-ġeneri.

4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Din l-inizjattiva ma timplika l-ebda kost addizzjonali għall-Kummissjoni. Għall-kuntrarju, l-ġhoti tas-setgħa l-ġidha skont ir-Regolament (UE) 2019/1009 li se tipprevedi valutazzjoni tal-mikroorganiżmi mill-manifatturi u mill-korpi notifikati se twassal għal iffrankar fil-baġit tal-Kummissjoni li, skont l-ġhoti tas-setgħa eżistenti, ikollu jintnefaq fuq studju biex jappoġġa lill-Kummissjoni fil-valutazzjoni ta' tali mikroorganiżmi. Barra minn hekk, it-tnejħiha tal-obbligu li jiġi adottat glossarju tal-ismijiet ta' ingredjenti komuni permezz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni se tillibera r-riżorsi umani tal-Kummissjoni għal kompiti ta' politika oħrajn, mingħajr ma jkun meħtieġ baġit addizzjonali.

5. ELEMENTI OĦRA

5.1. Pjanijiet ta' implementazzjoni u arranġamenti għall-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar

Il-Kummissjoni se timmonitorja l-implementazzjoni u l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet il-għodda u l-konformità magħħom. Barra minn hekk, ir-Regolamenti li se jiġu emendati b'din il-proposta huma soġġetti għal evalwazzjoni regolari tal-effiċjenza tagħhom, l-effettivitā tagħhom fl-ilħuq tal-objettivi, ir-rilevanza, il-valor miżjud tagħhom f'konformità mal-prinċipji ta' regolamentazzjoni aħjar. Din il-proposta ma tirrikjedix pjan ta' implementazzjoni.

5.2. Spiegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta

Dwar ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-tħallitiet:

F'konformità mal-isforzi ġenerali tal-Kummissjoni li tirazzjonalizza u tissimplifika r-rekwiżiti ta' rapportar u tippromwovi l-prinċipju “diġitali b'mod awtomatiku” biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, qiegħda tiġi introdotta d-definizzjoni ta’ “kuntatt diġitali” fl-Artikolu 2. Minflok ir-rekwiżiti attwali għall-operaturi ekonomiċi biex jindikaw l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħhom fuq it-tikketta tal-imballaġġ ta' sustanza jew taħlita perikoluża, l-emenda tirrikjedi li jiġu pprovduti indirizz u kuntatt diġitali, li jista' jkun kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni online aġġornat u aċċessibbli li permezz tiegħu l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew tista' ssir komunikazzjoni magħħom. Dan se jiffaċilita l-komunikazzjoni bejn il-fornituri u l-awtoritatijiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar, u l-utenti finali. Ladarba l-Kartiera Ewropea tan-Negozju tkun disponibbi, l-indirizz diġitali li hija tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi wkoll se jkun jista' jikkostitwixxi l-“kuntatt diġitali”.

L-emendi tal-Artikolu 29(2) u t-Taqsima 1.5.2.4 tal-Anness I jissimplifikaw u jiċċaraw id-dispożizzjonijiet li jippermettu derogi mir-rekwiżiti tal-ittikkettar għal imballaġġ żgħir, speċjalment għal kontenituri żgħar ħafna ta' taħt l-10 ml. L-emenda tal-Artikolu 29(2) se tippermetti lill-operaturi ekonomiċi jnaqqsu l-informazzjoni meħtieġa li tiġi pprovdu fuq it-tikketta għall-imballaġġ li jkun fih kwantitajiet iż-ġgħadha ta' sustanzi jew taħliti kimiċi mingħajr il-ħtieġa li tingħata prova li dan l-imballaġġ ikun f'forma bħal din jew ikun tant-żgħir li jkun impossibbli li jiġu ssodisfati r-rekwiżiti kollha tal-ittikkettar. L-emenda tat-Taqsima 1.5.2.4 tal-Anness I tiċċara d-derogi mir-rekwiżiti tal-ittikkettar għall-imballaġġ ta'

10 ml, introdotti bir-Regolament 2024/2865, speċjalment għal dawk li fihom sustanzi jew taħlitiet inqas perikolużi.

L-emenda għall-Artikolu 30(1) tneħħi l-iskadenza fissa għall-obbligu li tiġi aġġornata t-tikketta, peress li deher li ma kienx fattibbli li wieħed jikkonforma magħha minħabba l-kumplessitā tal-ktajjen tal-provvista²⁹. Sabiex tiġi pprovduta flessibbiltà għall-fornituri u jinħolqu kundizzjonijiet ugħwali għall-SMEs li spiss jesternalizzaw is-servizzi tal-istampar tat-tikketti, u filwaqt li jitqies il-fatt li t-tħejjija u l-produzzjoni ta' tikketti ta' estensjoni huma ferm itwal minn dawk tat-tikketti standard 2D, l-emenda se tirrikjedi li t-tikketti jinbidlu mingħajr dewmien żejjed wara li tinkiseb data ġidha minn fornitur jew tiġi kkomunikata lilu.

L-emenda tal-Artikolu 31(3) u t-Taqsima 1.2.1 tal-Anness I tneħħi r-regoli obbligatorji dwar l-ifformattjar tat-tikketti introdotti mir-Regolament 2024/2865, peress li nstab li dawn kienu għaljin u restrittivi għall-operaturi ekonomici³⁰. Ir-regoli l-ġoddha jtaffu dawn ir-rekwiżiti, filwaqt li jiffokaw fuq li t-tikketti jinżammu ċari u li jkunu jistgħu jinqraw aktar milli fuq l-infurzar ta' regoli riġidi dwar l-ifformattjar.

L-Artikoli 48 u 48a dwar ir-reklamar u l-bejgħ online huma emendati biex il-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jiġi limitat għas-sustanzi kimiċi mibjugħha lill-pubbliku ġenerali. Is-sustanzi u t-taħlitiet perikolużi nnegozjati bejn il-professionisti digħi huma soġġetti għar-rekwiżiti ta' informazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, u għalhekk regoli addizzjonali ma jkunux proporzjonati. Barra minn hekk, l-Artikolu 48 emendat jissimplifika r-rekwiżit ta' informazzjoni fir-reklamar immirat lejn il-pubbliku ġenerali. Id-dispożizzjonijiet emendati se jeħtieġu r-reklamar ta' sustanzi kimiċi biex iħeġġu lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu.

L-emenda għat-Taqsima 1.6 tal-Anness I twessa' l-użu tal-ittikkettar digħi introdott mir-Regolament 2024/2865. Il-fornituri se jkunu jistgħu jinkludu informazzjoni addizzjonali ta' kuntatt fuq it-tikketti digħi minnflokk it-tikketta fiżika, u b'hekk jiffrankaw l-ispazju fuq it-tikketti fiżiċi u jagħmlu aktar faċli li jiġu ġestiti u aġġornati d-dettalji tal-prodott bl-użu tat-teknoloġija digħi, madankollu, mingħajr ma jikkompromettu s-sahħha u s-sikurezza tal-utenti. L-inklużjoni tal-kuntatt digħi tkun xierqa wkoll meta d-dettalji ta' kuntatt tal-fornituri addizzjonali jiġi pprovduti fit-tikketta digħi.

L-emenda tal-Parti 5 tal-Anness II tfitteż li tissimplifika r-rekwiżiti tal-ittikkettar għall-istazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil. Xi elementi tat-tikketta, bħall-kwantità nominali u l-UFJ, mhux se jkunu meħtieġa fuq il-pompi tal-fjuwil, u dan se jgħin lill-fornituri tal-fjuwil jissodisfaw ir-rekwiżiti mingħajr ma jbaxxu l-standards tas-sikurezza.

Dwar ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 dwar il-prodotti kożmetiċi:

L-Artikolu 14a l-ġdid ifittem li jindirizza n-nuqqas attwali ta' proċedura speċifika li skonta jistgħu jiż-żejt l-koloranti, il-preservattivi, u l-filtri tal-UV mal-Annessi IV sa VI rilevanti tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi. L-Artikolu l-ġdid jiġi speċifika passi differenti tal-proċedura, jiddeskrivi r-rwol tal-Kummissjoni Ewropea u jafferma mill-ġdid ir-responsabbiltà tal-SCCS fil-valutazzjoni tas-sikurezza ta' kwalunkwe kolorant, preservattiv jew filtru tal-UV propost.

Il-bidliet fl-Artikolu 15 ma jaffettwawx l-apprċċi attwali li l-klassifikazzjoni armonizzata bbażata fuq il-periklu ta' sustanza bħala CMR tal-kategorija 1 jew 2 tiskatta l-projbizzjoni tagħha fil-prodotti kożmetiċi, sakemm ma tiġix sottomessa talba għal deroga, u l-kriterji tad-

²⁹ Id-dokument ta' ħidma tal-personal akkumpanjanti, SWD(2025) 531, p. 30.

³⁰ Analiżi dettaljata tal-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti l-ġoddha tal-ifformattjar hija pprovduta fid-dokument ta' ħidma tal-personal akkumpanjanti, SWD(2025) 531, p. 14.

deroga jkunu ssodisfati. Barra minn hekk, ir-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi emendat se jkompli jirrispetta l-prinċipju li deroga mill-projbizzjoni hija eċċeazzjoni peress li s-sustanza se jkollha tīgi vwalutata u tinstab li hi sikura mill-Kumitat Xjentifiku dwar is-Sikurezza tal-Konsumatur (SCCS, Scientific Committee on Consumer Safety) għal tipi ta' prodotti speċifiċi u għal użu specifiċu u, għas-sustanzi CMR tal-kategorija 1A u 1B, in-nuqqas ta' alternattivi xierqa li jistgħu jintużaw minnflok is-sustanza inkwistjoni se jkollu jintwera mill-industrija. Lemendi jistabbilixxu skeda ta' żmien specifiċa għas-sottomissjoni tat-talba għal deroga (mhux aktar tard minn 3 xħur wara d-data tad-dħul fis-seħħi tal-bidiet fir-Regolament CLP) kif ukoll perjodi tranzizzjonal ta' 12-il xħar biex il-prodotti jitqiegħdu fis-suq u 24 xħar għal prodotti digħi disponibbli fis-suq biex l-operatur ekonomiku jkun jista' jaġġusta għal projbizzjoni jew restrizzjoni.

Barra minn hekk, il-bidiet fl-Artikolu 15 tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi jiessimplifikaw il-kriterji tad-deroga għas-sustanzi kklassifikati bħala CMR tal-kategorija 1A jew 1B, jiġifieri l-kriterju li l-applikazzjoni trid issir għal użu partikolari tal-kategorija tal-prodott b' esponent magħruf ingħaqad mal-kriterju (d) attwali li jeħtieġ l-opinjoni tal-SCCS. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari mhux se jibqa' jkollha bżonn aktar li tingħata prova tagħha għall-fini li tīgi rċevuta deroga, peress li l-ikel u l-kożmetiċi huma prodotti distinti u l-fatt li prodott li fih sustanza ma jkunx jista' jittiekel ma jfissirx li din is-sustanza mhux se tkun sikura meta tintuża f'formula kożmetika li trid tīgi applikata fuq il-għilda tal-bniedem.

Barra minn hekk, il-bidiet fl-Artikolu 15 jiċċaraw li l-klassifikazzjoni armonizzata skont ir-Regolament CLP bħala CMR ta' kostitwent ta' sustanza kumplessa naturali ma twassalx għal projbizzjoni fuq din is-sustanza kumplessa naturali. Madankollu, f'każ bħal dan, il-Kummissjoni se jkollha titlob l-opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza ta' tali sustanza kumplessa naturali għas-sahħha tal-bniedem.

Fl-aħħar nett, ġiet stabbilita rabta bejn ir-rotta ta' esponenten ikkunsidrata għall-fini tal-klassifikazzjoni armonizzata bħala CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 u l-projbizzjoni fil-kożmetiċi sabiex jekk sustanza jkollha karatteristiċi ta' CMR biss meta tittieħed man-nifs jew tiġi diġerita, iżda mhux jekk tīgi f'kuntatt mal-ġilda tal-bniedem (jiġifieri esponent dermali), din ma għandhiex tīgi pprojbita mill-użu fil-kożmetiċi fuq il-bażi tal-Artikolu 15.

L-emendi tal-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-prodotti kożmetiċi jfittxu li jneħħu l-obbligu ta' notifika minn qabel peress li din ma għadhiex iġġustifikata. Il-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali ma għandhomx jitqiesu li huma anqas sikuri minn prodotti kożmetiċi oħrajn peress li huma soġġetti għall-valutazzjoni xierqa tas-sikurezza taħt ir-responsabbiltà tal-persuna responsabbi. Madankollu, biex tinżamm il-possibbiltà li jiġi indirizzat kwalunkwe tħassib dwar is-sikurezza relataż-żebi tan-nanomaterjali, l-informazzjoni rilevanti se jkollha tīgi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku. Għalhekk, it-tħassir tal-paragrafi rilevanti fl-Artikolu 16 tar-Regolament dwar il-prodotti kożmetiċi se jkun akkumpanjat mill-bidiet fl-Anness I tar-Regolament dwar il-Prodotti Kożmetiċi.

Il-bidla fl-Artikolu 22 għandha l-ġhan li ttaffi l-piż fuq l-Istati Membri peress li mhux se jibqgħu meħtieġa li jwettqu r-rieżami tal-attivitàajiet tagħhom ta' sorveljanza tas-suq kull 4 snin u jirrapportaw lill-Istati Membri l-oħra u lill-Kummissjoni. Dan l-obbligu ta' rapportar ma baqax bżonjuż bl-introduzzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni u Komunikazzjoni għas-Sorveljanza tas-Suq (ICSMS) li tippermetti li l-informazzjoni dwar il-prodotti investigati (riżultati tat-testijiet, data dwar l-identifikazzjoni tal-prodott, informazzjoni dwar l-operaturi ekonomiċi, informazzjoni dwar l-inċidenti, informazzjoni dwar il-miżuri meħuda mill-awtoritajiet ta' sorveljanza eċċ.) tīgi kondivija b'mod rapidu u effiċċenti bejn l-awtoritajiet u l-Kummissjoni.

It-tħassir tal-Artikolu 33 u 1-bidliet relatati fl-Artikolu 19 se jippermettu lin-negozji u lill-awtoritajiet kompetenti jiddependu fuq in-nomenklatura rikonoxxuta internazzjonalment għall-fini tal-itikkettar tal-prodotti kożmetiċi.

Dwar ir-Regolament (UE) 2019/1009 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertillizanti tal-UE:

L-emenda tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 1, il-punt 2, tfitteż li tneħħi r-rekwiżit li s-sustanzi kollha inkorporati fi prodott fertillizanti tal-UE, waħedhom jew f'taħlita, ħlief il-polimeri, għandhom ikunu ġew irregistratori skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'dossier li jkun fi: (a) l-informazzjoni prevista fl-Annessi VI, VII u VIII tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006; u (b) rapport tas-sigurtà kimika skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 li jkopri l-użu bħala prodott fertillizanti, sakemm ma jkunx kopert b'mod espliċitu minn waħda mill-eżenzjonijiet għall-obbligu ta' regiżstrazzjoni previsti fl-Anness IV tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006 jew mill-punti 6, 7, 8, 9 jew 10 (għall-manjeżja biss) tal-Anness V ta' dak ir-Regolament. L-emendi l-oħra jn-nu għall-Anness II, Parti II, se jneħħu r-referenzi għad-dispożizzjoni f'CMC 1, il-punt 2, mir-rekwiżiti għall-addittivi u għal sustanzi oħra taħt kategoriji oħra ta' materjali komponenti. Dan ifiżzer li r-regoli ġeneriċi stabbiliti fir-REACH se jaapplikaw għal dawk is-sustanzi kollha inkorporati fi prodotti fertillizanti tal-UE, jew waħedhom jew f'taħlita. B'mod partikolari, il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 1(3) tar-REACH jiprovd “li hija r-responsabbiltà tal-manifatturi, tal-importaturi u tal-utenti ‘downstream’ li jiżguraw li huma jimmmanifaturaw, iqiegħdu fis-suq, jew jużaw [...] sustanzi li ma jolqtux b'mod ħażin is-saħħha tal-bniedem jew l-ambjent”. Barra minn hekk, is-sustanzi inkorporati fi prodotti fertillizanti tal-UE jkunu soġġetti għar-regoli stabbiliti fit-Titolu II – Regiżstrazzjoni ta' sustanzi, speċjalment l-Artikolu 5 tiegħi – “Ebda data, ebda suq”.

Fl-Artikolu 42, jiddaħħal paragrafu ġdid biex jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni tistabbilixxi kriterji u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik l-metodoloġija għandhom jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulant mikrobiku tal-pjanti, għajnej dawk elenkti f'CMC 7, ma jipprezentawwx riskju għas-saħħha tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Għandhom jipprevedu l-kunsiderazzjoni ta' ċerti elementi elenkti fl-Artikolu 42(4a) il-ġdid. L-ghotxi tas-setgħa eżistenti fl-Artikolu 42(4) jinżamm, iżda l-kelma “biss” se titneħħha, peress li l-Kummissjoni se jkollha żewġ setgħat paralleli għall-emendar tas-CMC 7.

L-Artikolu 43 jitħassar sabiex il-Kummissjoni tkun tista' tadotta atti delegati li jemendaw diversi materjali komponenti fl-istess ħin.

L-emendi tal-Artikolu 2, l-Artikoli 6 sa 9, l-Artikolu 15, l-Artikolu 16 u l-Artikolu 41, u dawk tal-Anness I, Parti II, u l-Anness IV, Parti II, għandhom l-għan li jiksbu aktar diġitalizzazzjoni tal-obbligi ta' informazzjoni u rapportar skont ir-Regolament, filwaqt li jallinjaw id-dispożizzjonijiet rilevanti, fejn xieraq, mal-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti [...] fir-rigward tad-diġitalizzazzjoni u l-ispeċifikazzjonijiet komuni³¹. B'mod aktar speċifiku, il-proposta tinkludi:

- L-ispeċifikazzjoni li d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE trid titfassal f'forma elettronika u ssir aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data;

³¹

[COM\(2025\)504](#).

- Iż-żieda ta’ “kuntatt diġitali” bħala informazzjoni li għandha tiġi indikata mill-operaturi ekonomiċi fuq prodotti li jitqiegħdu fis-suq sabiex tiġi ffaċilitata l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali. Ladarba l-Kartiera Ewropea tan-Negozju tkun disponibbli, l-indirizz diġitali li hija tipprovdi lill-operaturi ekonomiċi se jkun jista’ jikkostitwixxi l-“kuntatt diġitali”;
- L-emenda tal-obbligi ta’ rapportar lill-awtoritajiet nazzjonali li jeħtieġu “ forma stampata jew elettronika” għal “ forma elettronika” biss;
- L-ispeċifikazzjoni li d-dokumenti u l-iskambji bejn l-operaturi ekonomiċi u l-korpi nnotifikati relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità għandhom ikunu f’forma elettronika;
- Obbligu li, jekk tintuża tikketta diġitali, l-istess trasportatur tad-data li jipprovdi aċċess għat-tikketta diġitali għandu jiprovdi wkoll aċċess għad-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE;
- Obbligu li tiġi pprovduta l-informazzjoni li tinsab fid-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE u, jekk applikabbli, l-ittikkettar diġitali fuq il-passaport diġitali tal-prodotti meta l-prodott ikun soġġett għal leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni li tirrikjedi l-użu ta’ dan il-passaport diġitali tal-prodotti.

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari, l-Artikolu 114 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħħat lill-Parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kunitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu f'konformità mal-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

- (1) Rekwiżiti ta' kwalità għolja u ta' sikurezza għall-prodotti fis-Suq Uniku jiżguraw livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent u jikkontribwixxu għal ekonomija ġusta u sostenibbli. Fil-kompetizzjoni internazzjonali, ir-reputazzjoni ta' prodotti ta' grad għoli manifatturati fl-Unjoni tista' toħloq vantaġġ għall-kumpaniji tal-Unjoni.
- (2) Is-sejbiet tar-rapport ta' Draghi tal-2024² indikaw li n-numru dejjem jikber u l-kumplessità tar-regoli jirriskjaw li jillimitaw l-ispażju għall-immanuvrar għan-negożji tal-Unjoni u li jżommuhom milli jibqgħu kompetittivi. F'dan l-isfond, ċerti proċeduri u rekwiżiti stabbiliti fir-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008³, (KE) Nru 1223/2009⁴ u (UE) 2019/1009⁵ tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u

¹ ĠU C [...], [...], p. [...].

² Ir-rapport tal-2024 ta' Mario Draghi dwar il-futur tal-kompetittività Ewropea: https://commission.europa.eu/topics/eu-competitiveness/draghi-report_en?prefLang=mt#paragraph_47059

³ Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' 16 ta' Diċembru 2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħlitiet, li jemenda u jħassar id-Direttivi 67/548/KEE u 1999/45/KE, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1907/2006 (ĠU L 353, 31.12.2008, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1272/oj>).

⁴ Ir-Regolament (KE) 1223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prodotti kożmetiċi (riformalazzjoni) (ĠU L 342, 22.12.2009, p. 59, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1223/oi>).

⁵ Ir-Regolament (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi regoli dwar it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti fertillizzanti tal-UE u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1069/2009 u (KE) Nru 1107/2009 u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2003/2003 (ĠU L 170, 25.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1009/oi>).

jenħtieġ li jitneħħew piżijiet regolatorji mhux meħtieġa, filwaqt li jinżamm l-istess livell ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent.

- (3) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li tippromwovi l-prinċipju “diġitali b’mod awtomatiku” sabiex tappoġġa t-trasformazzjonijiet diġitali u sabiex tiffaċilita l-komunikazzjoni bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet nazzjonali responsabbi għall-infurzar, l-indikazzjoni ta’ kuntatt diġitali fuq it-tikketta ta’ sustanzi u taħliliet perikolużi hija meħtieġa biex tissaħħaħ l-effettività tal-kontrolli uffiċċiali u tal-infurzar u biex jitħaffef il-proċess tal-identifikazzjoni ta’ sustanzi u taħliliet li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Bħalissa, il-fornituri huma meħtieġa jindikaw l-indirizz u n-numru tat-telefon tagħhom fuq it-tikketta tal-imballaġġ ta’ sustanzi jew taħliliet perikolużi, iżda dan mhux dejjem ikun bizzżejjed biex jiġi żgurat li l-awtoritajiet responsabbi għall-infurzar ikunu jistgħu jistabbilixxu kuntatt malajr. Għalhekk huwa meħtieġ li l-fornituri jintalbu jipprovdu kuntatt diġitali, li jista’ jkun kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni online aġġornat u aċċessibbli mal-fornituri.
- (4) Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 stabbilixxa l-eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-ittikkettar u tal-imballaġġ għall-imballaġġ ta’ forom jew daqsijiet speċifiċi. Dawk l-eżenzjonijiet jistgħu jiġi skattati biss jekk l-elementi kollha meħtieġa tat-tikketta ma jkunux joqogħdu fuq l-imballaġġ ta’ barra jew fuq tikketta li tintrabat miegħu. Sabiex jiġi ssimplifikat l-użu ta’ dawk l-eżenzjonijiet, huwa xieraq li l-eżenzjonijiet eżistenti jitħallew jiġi applikati għal pakketti iż-ġeħġi mingħajr il-ħtieġa li tingħata prova tal-impossibbiltà li jintuża l-imballaġġ estern jew li tintuża t-tikketta li tintrabat.
- (5) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill⁶ introduċa eżenzjonijiet mir-rekwiżiti tal-ittikkettar u tal-imballaġġ għal pakketti li fihom inqas minn 10 ml. Madankollu, huma meħtieġa aktar simplifikazzjonijiet fir-rigward tal-applikazzjoni ta’ din id-deroga f’każijiet fejn dawn il-pakketti jkunu sogħġetti għad-didikjarazzjoni ta’ periklu supplimentari EUH 208. Huwa meħtieġ ukoll li jiġi ċċarati r-rekwiżiti għall-imballaġġ intern u ta’ barra f’każijiet fejn tigeġi applikata d-deroga ta’ 10 ml.
- (6) Sabiex tige pprovduta l-flessibbiltà għall-fornituri tas-sustanzi u t-taħliliet, biex jinħolqu kundizzjonijiet ugħalli għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju li spiss jesternalizzaw is-servizzi tal-istampar tat-tikketti u biex jiġi ffaċilitati t-tħejjija u l-produzzjoni ta’ tikketti li jintwew, li jieħdu ferm iż-żmien mill-produzzjoni tat-tikketti standard, huwa meħtieġ li titneħħa skadenza fissa ta’ 6 xħur u li t-tikketti jinbidlu mingħajr dewmien żejjed wara li tinkiseb data ġdid jew wara li tigeġi kkomunikata lilu.
- (7) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 stabbilixxa regoli dwar ir-rekwiżiti obbligatorji għall-ifformattjar tat-tikketti. Informazzjoni ġidha⁷ indikat piż amministrattiv u kostijiet eċċessivi, assoċjati ma’ dawn ir-rekwiżiti. Sabiex tige bbilanċjata l-ħtieġa li l-informazzjoni fuq it-tikketti tkun tintiehem b’mod ċar mill-konsumaturi mal-ħtieġa li

⁶ Ir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta’ Ottubru 2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1272/2008 dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ tas-sustanzi u t-taħliliet (ĠU L, 2024/2865, 20.11.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2865/oi>).

⁷ Analiżi dettaljata tal-kostijiet assoċjati mar-rekwiżiti l-ġoddha tal-ifformattjar hija pprovduta fid-Dokument ta’ Ħidma tal-Persunal li Jakkumpanja d-dokument Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta’ ċerti rekwiżiti u proċeduri għal prodotti kimiċi, SWD(2025) 531, p. 14.

jitnaqqsu l-ostakli u l-piż tas-suq għall-industrija⁸, huwa meħtieġ li jiġu ssimplifikati l-obbligi attwali ta' fformattjar mingħajr ma jitnaqqas il-livell ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent. L-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet tal-infurzar iridu jibqgħu responsabbi biex jiżguraw li t-tikketti jkunu jistgħu jinqraw f'konformità mar-rekwiżiti legali.

- (8) Biex jittaffa l-piż fuq l-industrija u biex tittejjeb iċ-ċirkolazzjoni libera ta' sustanzi u taħlilit fis-suq intern, huwa xieraq li jiġi emendat ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 fir-rigward tar-regoli dwar ir-reklamar u l-offerti mill-bogħod, filwaqt li jittieħed vantaġġ mid-dispożizzjonijiet eżistenti f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni bl-istess objettivi. F'dan ir-rigward, ir-rekwiżiti għar-reklamar u l-offerti mill-bogħod jenħtieġ li jkunu limitati għal prodotti mqiegħda fis-suq għall-publiku ġenerali, peress li r-Regolament (KE) Nru 1907/2006⁹ diġà jipprovd obbligi ċari dwar il-flussi tal-informazzjoni fil-ktajjen tal-provvista għas-sustanzi u t-taħlitiet.
- (9) Qabel l-emendi introdotti mir-Regolament (UE) 2024/2865, ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kien jeħtieġ li r-reklamar għal taħlilitiet perikolużi, li għalihom membru tal-publiku ġenerali jitħalla jikkonkludi kuntratt għax-xiri mingħajr ma l-ewwel ikun ra t-tikketta, isemmi t-tip jew it-tipi ta' perikli indikati fuq it-tikketta, u kien jeħtieġ li r-reklamar għal sustanzi jsemmi l-klassijiet ta' periklu jew il-kategoriji ta' periklu kkonċernati. Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa rekwiżit ġdid għall-bejġħ mill-bogħod kollu ta' sustanzi u taħlilitiet perikolużi biex tīgi inkluża l-informazzjoni kollha fuq l-ittikkettar fl-offerta, u b'hekk jiġi żgurat li x-xerrej dejjem ikun infurmat dwar il-perikli qabel ma jixtri l-prodott. Dak ir-Regolament espanda wkoll ir-rekwiżiti għar-reklamar, u kien jeħtieġ li dawn jindikaw il-pittogrammi tal-periklu, il-kliem bħala sinjal, id-dikjarazzjonijiet tal-periklu u d-dikjarazzjonijiet supplimentari u, barra minn hekk, li jistiednu lill-publiku ġenerali jsegwi l-informazzjoni dwar it-tikketta tal-prodott. Ir-reklamar huwa mezz ta' promozzjoni tal-bejġħ jew tal-użu ta' prodotti kimiċi, u fil-mument tal-bejġħ, it-tikketta fuq l-imballaġġ tas-sustanza jew tat-taħlita jew l-informazzjoni tat-tikketta fl-offerta mill-bogħod tipprovd informazzjoni sħiħa dwar il-perikli assoċjati ma' dik is-sustanza jew ma' dik it-taħlita. Għalhekk, ikun xieraq li r-reklamar ikun meħtieġ jistieden lill-klijenti jaqraw it-tikketta u l-informazzjoni dwar il-prodott qabel l-użu, iżda mhux li tīgi dduplikata l-informazzjoni dwar il-periklu mit-tikketta.
- (10) Peress li r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹⁰ u r-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill¹¹ jirrikjedu li

⁸ Kif deskrirt fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċċali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Strateġiċi biex is-Suq Uniku jsir sempliċi, bla xkiel u b'saħħtu, COM(2025) 500 final, p. 10, disponibbli fuq:

<https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/PDF/?uri=CELEX:52025DC0500>.

⁹ Ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar ir-reġistrazzjoni, il-valutazzjoni, l-awtorizzazzjoni u r-restrizzjoni ta' sustanzi kimiċi (REACH), li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, li jemenda d-Direttiva 1999/45/KE u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 793/93 tal-Kunsill u r-Regolament (KE) Nru 1488/94 tal-Kummissjoni kif ukoll id-Direttiva 76/769/KEE tal-Kunsill u d-Direttivi 91/155/KEE, 93/67/KEE, 93/105/KE u 2000/21/KE tal-Kummissjoni (ĠU L 396, 30.12.2006, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2006/1907/oj>).

¹⁰ Ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2009/1107/oj>).

r-reklamar għal prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u prodotti bijoċidali awtorizzati jużaw id-dikjarazzjoni “Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah”, ikun xieraq li jintuża l-istess rekwiżit għal reklami ta’ sustanzi u taħlitiet perikolużi biex tiġi żgurata l-konsistenza, speċjalment f’każijiet fejn issustanzi u t-taħlitiet perikolużi li jiġu rreklamat ijkunu wkoll prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti jew prodotti bijoċidali awtorizzati.

- (11) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa dispożizzjonijiet speċifċi għall-ittikkettar tal-fjuwils fornuti fl-istazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil. Sabiex jitneħħew il-piżżejjiet bla bżonn fuq in-negozji, mingħajr ma tiġi mminata l-protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent, huwa meħtieġ li jiġi ċċarat fl-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 liema mill-elementi tat-tikketta meħtieġa mill-Artikolu 17(1) ta’ dak ir-Regolament mhuwiex meħtieġa fuq il-pompa.
- (12) Ir-Regolament (UE) 2024/2865 introduċa l-possibbiltà li ċerti elementi ta’ ttikkettar jiġi inklużi fit-tikketta diġitali biss. Sabiex jiġi żgurat użu usa’ tat-teknoloġija u sabiex ikun jista’ jkun hemm approċċ aktar semplice u flessibbli għall-ittikkettar, il-fornituri jenħtieġ li jitħallew iqiegħdu d-dettalji ta’ kuntatt ta’ kwalunkwe fornitur addizzjonali fuq it-tikketta diġitali biss. L-inklużjoni tal-kuntatt diġitali tkun xierqa wkoll meta d-dettalji ta’ kuntatt tal-fornituri addizzjonali jiġi pprovduti fit-tikketta diġitali.
- (13) Sabiex jiġi żgurat li l-fornituri tas-sustanzi u tat-taħlitiet ikollhom iż-żmien biex jadattaw għar-regoli l-ġoddha dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ, jenħtieġ li l-applikazzjoni ta’ xi dispożizzjonijiet ta’ dan ir-Regolament tiġi differita. Is-sustanzi u t-taħlitiet li digħi jkunu mqiegħda fis-suq qabel it-tmiem ta’ dak il-perjodu ta’ different jenħtieġ li ma jkunux meħtieġa jiġi kklassifikati mill-ġdid jew ittikkettati mill-ġdid f’konformità ma’ dan ir-Regolament, sabiex jiġi evitat piż addizzjonali fuq il-fornituri ta’ sustanzi u taħlitiet.
- (14) F’konformità mad-dispożizzjonijiet tranżizzjonali tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, jenħtieġ li l-fornituri jkollhom il-possibbiltà li japplikaw id-dispożizzjonijiet il-ġoddha dwar il-klassifikazzjoni, l-ittikkettar u l-imballaġġ introdotti b’dan ir-Regolament fuq bażi volontarja qabel id-data tal-applikazzjoni differita ta’ dawn id-dispożizzjonijiet.
- (15) F’konformità mar-Regolament (KE) Nru 1223/2009, il-koloranti, il-preservattivi u l-filtri tal-UV jistgħu jintużaw biss fi prodotti kożmetiċi jekk ikunu elenkti fl-Annessi IV sa VI ta’ dak ir-Regolament. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-operaturi ekonomiċi, jenħtieġ li tiġi prevista proċedura li tispeċifika l-passi differenti fil-proċess biex sustanza tiġi inkluża fl-Anness rispettiv għall-finijiet tal-adattament tal-Annessi għall-progress tekniku u xjentifiku f’konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.
- (16) Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jipprovdi l-possibbiltà li taħt ċerti kundizzjonijiet jintużaw fi prodotti kożmetiċi sustanzi kklassifikati bħala sustanzi CMR tal-kategoriji 1A u 1B skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Talba għal deroga jenħtieġ li tiġi sottomessa lill-Kummissjoni mhux aktar tard minn 3 xħur wara d-dħul fis-seħħħ tal-bidlett rispettivi fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Peress li l-opinjoni rilevanti tal-Kunitat għall-Valutazzjoni tar-Riskju

¹¹ Ir-Regolament (UE) Nru 528/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Mejju 2012 dwar it-tqegħid fis-suq u l-użu tal-prodotti bijoċidali (ĠU L 167, 27.6.2012, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2012/528/oj>).

li tipproponi s-sustanzi għall-klassifikazzjoni armonizzata ssir disponibbli għall-publiku diversi xħur qabel ma l-Kummissjoni ssegwi bil-miżura regolatorja, tali skadenza hija bizzżejjed.

- (17) Il-kundizzjonijiet li jippermettu eżenzjonijiet mill-projbizzjoni tal-użu ta' tali sustanzi fil-prodotti kożmetiċi jenħtieġ li jiġu ssimplifikati, u l-kamp ta' applikazzjoni tagħhom jenħtieġ li jiġi stabilit f'aktar dettall. Barra minn hekk, il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari mhijiex kompatibbli mal-iżviluppi xjentifiċi u tekniċi li jippermettu l-iżvilupp ta' sustanzi ġodda għall-użu fi prodotti kożmetiċi li ma jintużawx jew ma jinstabux fl-ikel. Il-konformità mar-rekwiżiti tas-sikurezza alimentari ma ssaħħa is-sikurezza tal-prodotti kożmetiċi peress li ż-żewġ kategoriji ta' prodotti huma differenti b'mod inerenti. Għalhekk, huwa xieraq li din il-kundizzjoni titħassar.
- (18) Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu spċifikati l-elementi li għandhom jitqiesu taħt id-disponibbiltà ta' kundizzjonijiet alternattivi xierqa. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi previst li l-użu ta' sustanza alternattiva jenħtieġ li jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħa tal-bniedem u għall-ambjent u li s-sustanza jenħtieġ li tipprovdi funzjoni ekwivalenti jew simili fi prodott kożmetiku, u tkun disponibbli fis-suq fi kwantitajiet suffiċjenti, sabiex tkun tista' tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbli għan-negozji u speċjalment għall-SMEs. Barra minn hekk, jenħtieġ li l-aċċess għas-sustanza ma jkunx ristrett minn privattiv jew minn restrizzjonijiet fuq il-materja prima. Jenħtieġ li jkun possibbli wkoll li jitqiesu l-aspetti ekonomiċi, bħall-kostijiet tar-riformazzjoni u l-kontribuzzjoni komparattiva għall-kostijiet ġenerali tal-produzzjoni, bħala fatturi rilevanti fl-analiżi tal-adegwatezza tal-alternattivi.
- (19) Barra minn hekk, sabiex tiġi ssimplifikata l-proċedura ta' deroga, il-kundizzjoni li t-talba għal deroga ssir għal użu partikolari ta' kategorija ta' prodotti b'esponent magħruf jenħtieġ li ssir parti mill-kriterju ta' valutazzjoni tal-SCCS. Bħalissa, il-kumitat xjentifiku digħi qiegħed jivvaluta s-sikurezza tas-sustanza filwaqt li jqis il-proprietajiet ta' periklu u l-esponent tagħha (jiġifieri, l-użu spċifiku f'kategorija partikolari ta' prodotti), għalhekk, ma hemmx bżonn ta' kriterju separat.
- (20) Jenħtieġ li jitqies kif xieraq l-esponent spċifiku tal-prodotti kożmetiċi, li jitqiegħdu l-aktar f'kuntatt mal-partijiet esterni tal-ġisem tal-bniedem (pereżempju l-epidermis, is-sistema tax-xagħar, id-dwiefer, l-organi ġenitali esterni) u li ma jiġux inġestiti, meħudin man-nifs, injettati jew impjantati fil-ġisem tal-bniedem. Il-projbizzjoni skattata mill-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 jenħtieġ li tkopri s-sustanzi bil-klassifikazzjoni armonizzata tas-CMR skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, fejn il-perikli tas-CMR ma jiġux assenjati għal rotot spċifici ta' esponent jew meta jkunu assenjati b'mod espliċitu għar-rotta dermali tal-esponent. Meta l-klassifikazzjoni tas-CMR ta' sustanza tkun assoċjata biss ma' rotot ta' esponent orali jew ta' teħid man-nifs, l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi ma jirriżultax fl-istess livell ta' riskju għall-utenti finali, peress li l-esponent orali u mat-teħid man-nifs huwa inċidentali (pereżempju, prodotti kożmetiċi użati fuq ix-xufftejn, is-snien jew il-membrani mukużi tal-kavità orali jew prodotti kożmetiċi użati fi sprej li muħwiex maħsuba biex jiġu inġestiti jew biex jittieħdu man-nifs). Għalhekk, tali sustanzi jenħtieġ li ma jkunux sogħġetti għal projbizzjoni skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Madankollu, il-fatt li sustanza użata fi prodotti kożmetiċi orali jew li jistgħu jiġi sprejjati hija kklassifikata bħala CMR minħabba r-rotta ta' esponent orali jew ta' teħid man-nifs tagħha, jista' jqajjem tħassib għas-saħħa tal-bniedem. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS biex jivvaluta s-sikurezza ta' tali sustanzi meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi u

għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.

- (21) Spiss, sustanza tista' tkun ukoll parti kostitwenti ta' sustanzi kumplessi naturali, pereżempju ż-żjut essenzjali. F'każżejjiet bħal dawn, il-projbizzjoni tal-użu fil-prodotti kożmetiċi skont l-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 tkun rilevanti biss għas-sustanza kif tidher fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Dan ifisser li s-sustanzi kumplessi naturali li fihom kostitwent ikklassifikat bħala CMR mhuwiex soġġetti għall-projbizzjoni, ħlief jekk dik is-sustanza kumplessa naturali stess tkun elenkata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B jew 2 fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Madankollu, peress li l-klassifikazzjoni armonizzata ta' kostitwenti tista' tqajjem tħassib dwar is-sikurezza tas-sustanzi kumplessi naturali meta jintużaw fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni jenħtieġ li tordna lill-SCCS jivvaluta l-impatt ta' tali kostitwenti fuq is-sikurezza ta' sustanzi kumplessi naturali, jekk iqum tħassib dwar is-sikurezza, u għandha ssegwi bil-miżuri regolatorji xierqa f'konformità mal-Artikolu 31(1) tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.
- (22) Meta sustanza tkun ipprojbita jew ristretta mill-użu fil-prodotti kożmetiċi, il-manifatturi, l-importaturi, id-distributuri u l-persuni responsabbi jenħtieġ li jingħataw bizzżejjed żmien biex jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jirrifformulaw u jittikkettaw mill-ġdid il-prodotti tagħhom, u jirtiraw mid-distribuzzjoni u jeqirdu l-prodotti mhux mibjugħha li ma jikkonformawx mar-rekwiżiti l-għoddha. Għalhekk, jenħtieġ li jiġu pprovduti perjodi ta' 12-il xahar għat-taqegħid fis-suq u ta' 24 xahar għat-taqegħid fis-suq ta' prodotti kożmetiċi li fihom is-sustanza kkonċernata wara d-dħul fis-seħħħ tal-emendi rispettivi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009.
- (23) Sabiex jitnaqqsu l-piż tal-konformità u l-piż amministrattiv fuq in-negozji attivi fis-settur tal-kożmetiċi, jenħtieġ li tkun meħtieġa notifika waħda biss tal-prodotti kożmetiċi qabel ma jitqiegħdu fis-suq tal-Unjoni. Il-kundizzjonijiet ta' tali notifika jenħtieġ li japplikaw b'mod mhux diskriminatorju għall-prodotti kożmetiċi li fihom in-nanomaterjali u għal dawk il-prodotti kożmetiċi li ma fihomx dawn in-nanomaterjali. Sabiex tinżamm il-viġilanza fuq in-nanomaterjali, jenħtieġ li jkun meħtieġ li l-informazzjoni speċifika dwar in-nanomaterjali użati fi prodott kożmetiku tīgi pprovduta fir-rapport dwar is-sikurezza tal-prodott kożmetiku sabiex tkun tista' tigħi konsultata mill-awtoritajiet kompetenti fejn it-tħassib dwar ir-riskju potenzjali għas-saħħha tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' nanomaterjal partikolari
- (24) F'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1020¹², il-Kummissjoni żviluppat sistema ta' informazzjoni u komunikazzjoni għall-ġbir, l-ipproċessar u l-ħażin ta' informazzjoni dwar kwistjonijiet relatati mal-infurzar tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-prodotti, inkluż ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009. Fil-prattika, din is-sistema issostitwiet l-obbligu ta' rapportar stabbilit fl-Artikolu 22 tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009 li jirrikjedi li l-Istati Membri jissottomettu regolarment ir-rieżami u l-valutazzjoni tal-aktivitajiet ta' sorveljanza tagħhom lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra. Għalhekk, dan l-obbligu ta' rapportar jenħtieġ li jitneħħha.

¹² Ir-Regolament (UE) 2019/1020 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar is-sorveljanza tas-suq u l-konformità tal-prodotti u li jemenda d-Direttiva 2004/42/KE u r-Regolamenti (KE) Nru 765/2008 u (UE) Nru 305/2011 (ĠU L 169, 25.6.2019, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1020/oj>).

- (25) Il-kożmetiċi huma oġġetti nnegożjati globalment. Għalhekk huwa importanti li l-ismijiet tal-ingredjenti preżenti fuq it-tikketti tagħhom jirriflettu l-istat attwali tal-iżvilupp xjentifiku u teknoloġiku. L-użu ta' ismijiet tal-ingredjenti tal-kożmetiċi rikonoxxuti internazzjonalment huwa fattur importanti li jippromwovi t-trasparenza u jiffaċilita l-kummerċ transfruntier fil-kożmetiċi. Dan ir-Regolament jenħtieġ li jippermetti l-użu ta' ismijiet rikonoxxuti internazzjonalment fuq l-ittikkettar tal-prodotti kożmetiċi mingħajr ebda azzjoni regolatorja addizzjonali mill-Kummissjoni. Peress li glossarju ta' ismijiet komuni tal-ingredjenti adottat mill-Kummissjoni jdewwem il-proċess tal-adozzjoni tal-ismijiet il-ġodda, id-dispożizzjoni li tirrikjedi li l-Kummissjoni tadotta tali glossarju jenħtieġ li titneħħa.
- (26) F'konformità mal-objettiv tal-Kummissjoni li jiġu rrazzjonalizzati u ssimplifikati r-rekwiżiti ta' rapportar u li jiġi promoss il-prinċipju "diġitali b'mod awtomatiku" biex jiġu appoġġati t-trasformazzjonijiet diġitali, l-operaturi ekonomiċi li jittrattaw il-prodotti fertillżzanti tal-UE f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 jenħtieġ li jipprovdu kuntatt diġitali li jistgħu jintlaħqu permezz tiegħu, ifasslu d-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE f'forma elettronika u jagħmluha aċċessibbli permezz ta' indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data, u jipprovdu lill-awtoritajiet, fuq talba, bl-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha rilevanti f'forma elettronika. Jenħtieġ li d-dokumenti u l-korrispondenza lill-korpi notifikati u mingħandhom relatati mal-valutazzjonijiet tal-konformità tal-prodotti fertillżzanti tal-UE jiġu pprovduti wkoll f'forma elettronika. Meta tintuża tikketta diġitali, jenħtieġ li l-manifatturi jużaw l-istess trasportatur tad-data użat għat-tikketta diġitali biex jipprovdu aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, sabiex tiġi evitata l-preżenza ta' bosta trasportaturi tad-data fuq l-istess prodott. Fejn ikun meħtieġ Passaport Diġitali tal-Prodotti għall-prodotti fertillżzanti tal-UE skont leġiżlazzjoni oħra tal-UE, l-informazzjoni fuq l-ittikkettar diġitali u d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE jenħtieġ li jiġu pprovduti f'dak il-Passaport Diġitali tal-Prodotti.
- (27) Skont ir-Regolament (UE) 2019/1009, il-mikroorganiżmi elenkti f'lista pożittiva fl-Anness II ta' dak ir-Regolament biss jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-bijostimulant mikrobiċi tal-pjanti. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li żżid mikroorganiżmi jew varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda ma' dik il-lista wara valutazzjoni li tikkonkludi li l-ebda waħda mill-varjanti ma tippreżenta riskju għas-saħħha tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent u li tiżgura l-effiċċenza agronomika. Minħabba l-ġħadd kbir ta' mikroorganiżmi fis-suq, il-valutazzjoni u l-inklużjoni sussegwenti ta' mikroorganiżmi jew ta' varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda fil-lista pożittiva għadhom lura meta mqabbla mal-progress xjentifiku. Il-mekkaniżmu attwali jnaqqas ir-ritmu tal-iżvilupp tal-bijostimulant mikrobiċi tal-pjanti u jittardja l-aċċess tal-bdiewa għal dawk il-prodotti fertillżzanti innovattivi li jistgħu jistimulaw il-proċessi tan-nutriżżjoni tal-pjanti u b'hekk inaqqsu l-użu ta' fertillżzanti tradizzjonali.
- (28) Sabiex titħaffef il-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi u biex is-suq uniku jinfetaħ għal aktar bijostimulant mikrobiċi tal-pjanti, jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni s-setgħa li tadotta atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-Anness II, Parti II, il-kategorija tal-materjali komponenti (CMC, component material category) 7, għar-Regolament (UE) 2019/1009 biex il-Kummissjoni tkun tista' tintrodu kriterji ġenerali u metodoloġija għall-valutazzjoni tal-mikroorganiżmi. Dawk il-kriterji u dik il-metodoloġija jenħtieġ li jippermettu lill-manifatturi u lill-korpi notifikati juru u jivverifikaw li l-mikroorganiżmi użati f'bijostimulant mikrobiċi tal-pjanti, għajr dawk elenkti f'CMC

7, ma jipprezentawwx riskju għas-saħħha tal-bniedem, tal-annimali jew tal-pjanti, għas-sikurezza jew għall-ambjent, u jiżguraw effiċjenza agronomika. Sabiex tifrina u tivvalida l-kriterji u l-metodoloġija li jridu jiġu introdotti, huwa partikolarmen importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa tul il-ħidma preparatorja tagħha, anke fil-livell tal-eserti, u li dawk il-konsultazzjonijiet isiru f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liggi¹³. B'mod partikolari, biex tīgħi żgurata parteċipazzjoni ugħali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-eserti tal-Istati Membri, u l-eserti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-eserti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

- (29) Meta l-Kummissjoni tagħmel użu mis-setgħa mogħtija lilha li temenda l-kategoriji tal-materjali komponenti fl-Anness II tar-Regolament (UE) 2019/1009, bħalissa tista' tagħmel dan biss permezz ta' atti delegati separati fir-rigward ta' kull kategorija ta' materjali komponenti. Meta titqies il-ħtieġa li jiġu introdotti materjali addizzjonali għad-diversi kategoriji ta' materjali komponenti fil-futur u l-progress tekniku u xjentifiku kostanti fis-settur tal-prodotti fertillzanti, hemm ħtieġa frekwenti li jiġu emendati l-kategoriji differenti ta' materjali komponenti. F'xi każijiet, pereżempju fejn materja prima ġdidha tista' tkun permessa f'diversi CMCs, il-Kummissjoni tintroduċi l-istess bidla fis-CMCs rilevanti kollha, kull waħda minnhom koperta minn att delegat differenti. Sabiex titħaffef l-adozzjoni tal-atti delegati rispettivi, jenħtieġ li l-Kummissjoni titħalla temenda diversi kategoriji ta' materjali komponenti b'att delegat wieħed.
- (30) Is-sustanzi kimiċi, waħedhom jew f'taħlitiet, jekk jiġu mmanifatturati jew importati fi kwantitatiet ta' aktar minn 1 tunnellata għal kull kumpanija fis-sena, jeħtieġ li jiġu rreġistrati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, b'rekwiżiti ta' informazzjoni skont il-volum reali. Ir-Regolament (UE) 2019/1009, li jmur lil hinn mir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, jirrikjedi li s-sustanzi kollha użati fi prodotti fertillzanti tal-UE, irrispettivament mill-kwantità li fiha jiġu manifatturati jew importati, jiġu rreġistrati, bħala minimu, bir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti mir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 għal sustanzi manifatturati jew importati fi kwantitatiet ta' 10 sa 100 tunnellata għal kull kumpanija fis-sena, flimkien ma' rapport dwar is-sikurezza kimika, li jkopri l-użu tagħhom f'konformità mal-Artikolu 14 ta' dak ir-Regolament. Dawk ir-rekwiżiti estensivi ta' informazzjoni jistgħu jipprevvjenu lill-manifatturi, speċjalment lill-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, milli jużaw sustanzi li għadhom mħuwiex irregistratori skont dawk ir-rekwiżiti jew jisfurzawhom iqiegħdu l-prodotti tagħhom biss fis-swieq nazzjonali skont ir-regoli nazzjonali. Għal raġunijiet ta' proporzjonalità, u meta titqies l-obbligu ġenerali tal-manifatturi u tal-importaturi ta' sustanzi u ta' prodotti fertillzanti tal-UE skont ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006 u r-Regolament (UE) 2019/1009, rispettivament, li jiżguraw is-sikurezza tal-prodotti li jqiegħdu fis-suq, ir-reġistrazzjoni ta' sustanzi użati fi prodotti fertillzanti tal-UE jenħtieġ li ssegwi biss ir-rekwiżiti, inklużi l-gradazzjonijiet rilevanti, stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 1907/2006.
- (31) Sabiex tīgħi żgurata tranżizzjoni mingħajr xkiel u effettiva, biex jiġi mminimizzat it-tfixkil, u biex jiġi pprovdut perjodu ta' żmien rägonevoli għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet biex jaġġustaw għar-rekwiżiti l-ġoddha, jenħtieġ li tīgħi differita l-

¹³

ĠU L 123, 12.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2016/512/oj.

applikazzjoni tal-emendi tar-Regolament (UE) 2019/1009 li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni.

- (32) Sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jforġu stokk ta' prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel id-data tal-applikazzjoni tal-emendi tar-Regolament (UE) 2019/1009 li jikkonċernaw id-diġitalizzazzjoni, huwa meħtieġ li jiġu previsti arranġamenti tranżizzjonali rāġonevoli li ma jimpedixxux it-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' dawk il-prodotti li jkunu tqiegħdu fis-suq f'konformità ma' dawk ir-Regolament fil-verżjoni applikabbli tagħhom qabel dik id-data.
- (33) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 jiġu emendati kif xieraq,

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jiżdied il-punt li ġej:
“42. “kuntatt diġitali” tħisser kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li permezz tiegħu fornitur jista’ jintlaħaq jew tista’ ssir komunikazzjoni miegħu mingħajr il-ħtieġa ta’ reġistrazzjoni jew li titniżżel applikazzjoni.”;
- (2) fl-Artikolu 17(1), il-punt (a) huwa sostitwit b’dan li ġej:
“(a) l-isem, l-indirizz u l-kuntatt diġitali tal-fornituri;”;
- (3) fl-Artikolu 25(6), it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
“It-tikketta għandha tinkludi wkoll l-identifikatur tal-prodott imsemmi fl-Artikolu 18 u l-isem, l-indirizz u l-kuntatt diġitali tal-fornitur tat-taħlita.”;
- (4) fl-Artikolu 29, il-paragrafu 2 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“2. L-elementi tat-tikketta stabbiliti fl-Artikolu 17(1) jistgħu jitnaqqsu f'konformità mar-regoli stabbiliti fit-Taqsima 1.5.2 tal-Anness I.”;
- (5) fl-Artikolu 30, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“1. F’każ ta’ bidla fir-rigward tal-klassifikazzjoni jew tal-ittikkettar ta’ sustanza jew taħlita, li tirriżulta fiż-żieda ta’ klassi ta’ periklu ġidha jew fi klassifikazzjoni aktar severa, jew li tirrikjedi informazzjoni supplimentari ġidha fuq it-tikketta f'konformità mal-Artikolu 25, il-fornitur ta’ dik is-sustanza jew ta’ dik it-taħlita għandu jiżgura li t-tikketta tiġi aġġornata mingħajr dewmien żejjed wara li jinkisbu r-riżultati tal-evalwazzjoni l-ġidha msemija fl-Artikolu 15(4) minn dak il-fornitur jew jiġu komunikati lilu.”;
- (6) fl-Artikolu 31, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b’dan li ġej:
“3. L-elementi tat-tikketta msemija fl-Artikolu 17(1) għandhom ikunu mmarkati b’mod ċar u li ma jitħassarx. Dawn għandhom jispikkaw b’mod ċar mill-isfond u jkunu ta’ tali daqs u jkunu spazjati b’tali mod li jkunu jistgħu jinqraw faċilment.”;
- (7) l-Artikolu 48 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“Artikolu 48

Reklamar

1. Kwalunkwe reklam lill-pubbliku ġeneral ta' sustanza jekk taħlita klassifikata bħala perikolu jaew taħlita li jkun fiha sustanzi msemmija fil-Parti 2 tal-Anness II għandu jinkludi s-sentenza: “Għandek dejjem taqra t-tikketta u l-informazzjoni tal-prodott qabel ma tużah.”.
2. Kwalunkwe reklam għal sustanza jekk taħlita klassifikata bħala perikolu jaew għandux ikun fiha dikjarazzjonijiet li ma jistgħux jidhru fuq it-tikketta jew l-imballaġġ ta' dik is-sustanza jekk taħlita f'konformità mal-Artikolu 25(4).”
;
- (8) l-Artikolu 48a huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Artikolu 48a

Offerti ta' bejgħ mill-bogħod

Meta s-sustanzi jekk taħliliti jitqiegħdu fis-suq għall-pubbliku ġeneral permezz ta' bejgħ mill-bogħod, l-offerta għandha tindika b'mod ċar u viżibbli l-elementi tat-tikketta msemmija fl-Artikolu 17.”

- ;
- (9) l-Artikolu 61 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“8. Is-sustanzi u t-taħlilit li jkunu ġew ikklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità mal-Artikolu 18(3) kif applikabbli fid-9 ta' Diċembru 2024 u li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel 1-1 ta' Jannar 2027 ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġi kklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità ma' dan ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (UE) 2024/2865 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill sal-1 ta' Jannar 2029.”
 - ;
 - (b) jiżdied il-paragrafu li ġej:

“9. Is-sustanzi u t-taħlilit li jkunu ġew ittikkettati f'konformità mal-Artikolu 17(1), l-Artikolu 25(6) u t-Taqsima 1.5.1.2 u t-Taqsima 1.6 tal-Anness I kif applikabbli nhar [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data tal-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u li jkunu tqiegħdu fis-suq qabel [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data 36 xahar wara d-ħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] ma għandhomx ikunu meħtieġa li jiġi ttikkettati f'konformità ma' dan ir-Regolament kif emendata bi [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal ir-referenza għal dan ir-Regolament] sa [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data 60 xahar wara d-ħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].”
 - ;
 - (10) l-Annessi I u II huma emendati f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Emendi tar-Regolament (KE) Nru 1223/2009

Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) Jiddaħħal l-Artikolu li ġej:

“Artikolu 14a

Talbiet għall-inklużjoni ta' sustanzi użati bħala koloranti, preservattivi jew filtri tal-UV fl-Annessi IV, V jew VI

1. Talba biex sustanza li għandha tintuża bħala kolorant, preservattiv jew filtru tal-UV tīgħi inkluża fl-Anness IV, fl-Anness V jew fl-Anness VI, kif applikabbli, tista' tīgi mressqa lill-Kummissjoni. Din għandha tkun akkumpanjata minn evidenza xjentifika u minn dokumentazzjoni li juru li minħabba l-aktar progress tekniku u xjentifiku reċenti, is-sustanza hija sikura għall-użu fil-prodotti kożmetiċi.
2. Wara li tirċievi t-talba msemmija fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni għandha tfitteż opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza tas-sustanza għall-użu fil-prodotti kożmetiċi mingħajr dewmien żejjed.
3. L-SCCS għandu jibgħat l-opinjoni tiegħu lill-Kummissjoni fi żmien 12-il xahar wara li jirċievi t-talba mill-Kummissjoni msemmija fil-paragrafu 2. Il-Kummissjoni tista' testendi dik l-iskadenza jekk tkun meħtieġa evidenza addizzjonali.”

;

- (2) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

- (a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:

- (i) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Madankollu, tali sustanzi jistgħu jintużaw fi prodotti kożmetiċi jekk titressaq talba għal deroga lill-Kummissjoni sa mhux aktar tard minn 3 xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħi tal-emendi għall-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jikklassifikaw is-sustanza bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A jew 1B. Il-Kummissjoni għandha tagħti d-deroga meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) ma jkunx hemm sustanzi alternattivi xierqa disponibbli, kif iddokumentat f'analiżi tal-alternattivi;
- (b) is-sustanzi jkunu ġew evalwati u nstabu li huma sikuri mill-SCCS għal użu partikolari tal-kategorija tal-prodotti kożmetiċi, meta jitqies l-esponenti għal dawk il-prodotti, l-esponenti ġenerali minn sorsi għajr il-kożmetiċi u ta' gruppi vulnerabbi tal-popolazzjoni.”.

- (ii) it-tielet subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Għall-fini tat-tieni subparagrafu, il-punt (a), sustanza għandha titqies bħala alternattiva xierqa jekk tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha li ġejjin:

- (a) l-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi jirriżulta f'riskju ġenerali mnaqqas għas-saħħha tal-bniedem u għall-ambjent;
- (b) tipprovdi funzjoni ekwivalenti għas-sustanza klassifikata, fi prodott kożmetiku lest b'effett simili u bl-istess livell ta' effikaċċa;
- (c) tkun teknikament fattibbli u ekonomikament vijabbbi;

- (d) mhijiex ristretta, mhijiex protetta minn drittijiet eskuživi, u hija disponibbli fis-suq fuq skala kbira, fi kwantitajiet kbar biziżżejjed biex tīgi ssodisfata d-domanda attwali u mistennija.”

;

- (iii) is-subparagrafu li ġej jiddaħħal wara r-raba' subparagrafu:

“L-iskadenza stabbilita fir-raba' subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandha tibda fid-data tad-dħul fis-seħħi tal-emendi rilevanti għall-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 li jikklassifikaw is-sustanza kkonċernata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, jew 1B.”;

- (b) jiżdiedu l-paragrafi 5, 6 u 7 li ġejjin:

“5. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal sustanza fejn ir-rotta ta' esponenti orali jew ta' teħid man-nifs għall-klassifikazzjoni armonizzata tas-sustanzi CMR tkun ġiet indikata b'mod espliċi fil-kolonna “Kodiċi tad-dikjarazzjoni tal-periklu” taħt il-“Klassifikazzjoni” fil-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Jekk jirriżulta riskju potenzjali għas-saħħha tal-bniedem minn prodotti kożmetiċi li fihom tali sustanza minħabba inġestjoni jew teħid man-nifs inċidentali, il-Kummissjoni għandha titlob opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza tas-sustanza kkonċernata f'dawk it-tipi ta' prodotti speċifiċi mingħajr dewmien żejjed.

6. Il-projbizzjoni msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu ma għandhiex tapplika għal sustanza estratta minn pjanti jew partijiet ta' pjanti u mhux modifikata kimikament kif definita fl-Artikolu 3, il-punt (40), tar-Regolament (KE) Nru 1907/2006, li fiha aktar minn kostitwent wieħed, li mill-inqas wieħed minnhom ikun ġie kklassifikat bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008. Jekk riskju potenzjali għas-saħħha tal-bniedem jirriżulta mill-użu ta' tali sustanza fil-prodotti kożmetiċi, il-Kummissjoni għandha tfitteż opinjoni tal-SCCS dwar is-sikurezza ta' dik is-sustanza għall-użu tagħha fil-prodotti kożmetiċi mingħajr dewmien żejjed.

Għall-fini ta' dan il-paragrafu, “pjanti” tirreferi għal organiżmi ħajjin jew mejtin mir-renji Plantae u Fungi, u tinkludi l-alka, il-likeni u l-ħmira.

7. Il-prodotti kożmetiċi li jkun fihom sustanza kklassifikata bħala sustanza CMR tal-kategorija 1A, 1B, jew 2 skont il-Parti 3 tal-Anness VI tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 ipprojbita milli tintuża fi prodotti kożmetiċi jew tali sustanza li ma tkunx konformi ma' restrizzjoni jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq għal 12-il xahar u jitpoġġew għad-dispożizzjoni fis-suq għal 24 xahar wara d-dħul fis-seħħi tal-emendi rilevanti għall-Annessi rilevanti ta' dan ir-Regolament.”

;

- (3) Fl-Artikolu 16, jitħassru l-paragrafi 3 u 7;

- (4) Fl-Artikolu 19, il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“6. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punt (g) għandha tīgi expressa bl-użu tal-isem komuni tal-ingredjent f'konformità man-nomenklatura rikonoxxta internazzjonalment u fin-nuqqas ta' isem komuni tal-ingredjent, għandu jintuża terminu kif jinsab f'nomenklatura aċċettata b'mod ġenerali.”

;

- (5) Fl-Artikolu 22, ir-raba' subparagrafu, tithassar it-tieni sentenza;
- (6) jitħassar l-Artikolu 33;
- (7) l-Anness I huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament;
- (8) l-Annessi II sa VI huma emendati f'konformità mal-Anness III ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Emendi tar-Regolament (UE) 2019/1009

Ir-Regolament (UE) 2019/1009 huwa emendat kif ġej:

- (1) fl-Artikolu 2, jiddaħħal il-punt (15a) li ġej:
“(15a) “kuntatt diġitali” tfisser kwalunkwe mezz ta’ komunikazzjoni aġġornat u aċċessibbli online li permezz tiegħu l-operaturi ekonomiċi jistgħu jintlaħqu jew tista’ ssir komunikazzjoni magħhom mingħajr il-ħtieġa ta’ reġistrazzjoni jew li titniżżeq applikazzjoni;”
;
- (2) l-Artikolu 6 huwa emendat kif ġej:
 - (a) il-paragrafu 2 huwa emendat kif ġej:
 - (i) it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
“Meta l-konformità ta’ prodott fertilizzanti tal-UE mar-rekwiżiti applikabbi stipulati f’dan ir-Regolament tkun intweriet permezz ta’ dik il-proċedura ta’ valutazzjoni tal-konformità, il-manifatturi għandhom iħejju dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE, f’forma elettronika, u jwaħħlu l-markatura CE.”;
 - (ii) jiżdied is-subparagrafu li ġej:
“Il-manifatturi għandhom jiżguraw li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun akkumpanjat minn indirizz tal-internet jew minn trasportatur tad-data li permezz tiegħu tkun tista’ tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE.”;
 - (b) fil-paragrafu 3, it-tieni subparagrafu huwa sostitwit b’dan li ġej:
“Fuq talba, il-manifatturi għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE disponibbli għal operaturi ekonomiċi oħra f’forma elettronika.”;
 - (c) fil-paragrafu 6, l-ewwel subparagrafu, l-ewwel u t-tieni sentenza huma sostitwiti b’dan li ġej:
“Il-manifatturi għandhom jindikaw fuq l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti tal-UE isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trademark reġistrata tagħhom kif ukoll l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali tagħhom jew, fejn il-prodott fertilizzanti tal-UE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f’dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti tal-UE. L-indirizz postali u l-kuntatt diġitali għandu jindika punt uniku li permezz tiegħu jkun jiġi kkuntattjat il-manifattur.”
;
 - (d) fil-paragrafu 9, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Il-manifatturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, f’forma elettronika, bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott fertilizzanti tal-UE ma’ dan ir-Regolament, b’lingwa li tkun tista’ tinfiehem faċilment minn dik l-awtorità.”

;

- (3) fl-Artikolu 7(2), il-punt (b) huwa sostitwit b’dan li ġej:

“(b) wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lil dik l-awtorità, f’forma elettronika, bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità ta’ prodott fertilizzanti tal-UE,”

;

- (4) l-Artikolu 8 huwa emendat kif ġej:

- (a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu, it-tieni sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“Huma għandhom jiżguraw li l-manifattur ikun fassal id-dokumentazzjoni teknika, li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew trasportatur tad-data li permezz tiegħu tkun tista’ tiġi aċċessata d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE u, fejn xieraq, minn dokumenti oħra meħtieġa, u li l-manifattur ikun ikkonforma mar-rekiżi stabbiliti fl-Artikolu 6(5) u (6).”

;

- (b) fil-paragrafu 3, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“L-importaturi għandhom jindikaw isimhom, l-isem kummerċjali reġistrat jew it-trademark reġistrata tagħhom u l-indirizz postali u l-kuntatt diġitali fuq l-imballaġġ tal-prodott fertilizzanti tal-UE jew, fejn il-prodott fertilizzanti tal-UE jiġi fornut mingħajr imballaġġ, f’dokument li jakkumpanja l-prodott fertilizzanti tal-UE.”

;

- (c) il-paragrafu 8 huwa sostitwit b’dan li ġej:

“8. L-importaturi għandhom, għal 5 snin wara li l-prodott fertilizzanti tal-UE jkun tqiegħed fis-suq, iżommu kopja tad-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet ta’ sorveljanza tas-suq u jiżguraw li ddokumentazzjoni teknika tkun tista’ ssir disponibbli għal dawk l-awtoritajiet, fuq talba.

Fuq talba, l-importaturi għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni ta’ konformità tal-UE disponibbli għal operaturi ekonomiċi oħra f’forma elettronika.”

;

- (d) fil-paragrafu 9, l-ewwel sentenza hija sostitwita b’dan li ġej:

“L-importaturi għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, f’forma elettronika, bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott fertilizzanti tal-UE ma’ dan ir-Regolament, b’lingwa li tkun tista’ tinfiehem faċilment minn dik l-awtorità.”

;

(5) l-Artikolu 9 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 2, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

“Qabel ma jpoġġu għad-dispożizzjoni fis-suq prodott fertilizzanti tal-UE, id-distributuri għandhom jivverifikaw li dan ikun akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew mit-trasportatur tad-data li permezz tiegħu tista' tiġi aċċessata ddikjarazzjoni tal-konformità tal-UE u, fejn xieraq, mid-dokumenti meħtieġa l-oħra, inkluż l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 6(7) jew l-Artikolu 8(4) ipprovdu bil-mod spċifikat fihom, b'lingwa li tintiehem faċilment mill-utenti aħħarın fl-Istat Membru li fih il-prodott fertilizzanti tal-UE jkun se jitpoġġa għad-dispożizzjoni fis-suq, u li l-manifattur u l-importatur ikunu kkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 6(5) u (6) u l-Artikolu 8(3) rispettivament.”

;

(b) fil-paragrafu 5, l-ewwel sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

“Id-distributuri għandhom, wara talba motivata minn awtorità nazzjonali kompetenti, jipprovdu lill-awtorità, f'forma elettronika, bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha meħtieġa biex tintwera l-konformità tal-prodott fertilizzanti tal-UE ma' dan ir-Regolament.”

;

(6) l-Artikolu 15 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafu 2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Ir-rekords u l-korrispondenza relatati mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità għandhom jitfasslu, f'forma elettronika, b'lingwa uffiċjali tal-Istat Membru fejn ikun stabbilit il-korp notifikat li jwettaq il-proċeduri jew b'lingwa aċċettata minn dak il-korp.”

(b) jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

“3. Il-manifattur għandu jipprovdi lill-korp notifikat li jwettaq il-proċedura ta' valutazzjoni tal-konformità bl-informazzjoni u bid-dokumentazzjoni kollha relatati mal-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità f'forma elettronika.”

;

(7) fl-Artikolu 16, jiżdiedu l-paragrafi 5 u 6 li ġejjin:

“5. Id-dikjarazzjoni tal-konformità tal-UE għandha tiġi pprovduta f'format li jinqara mill-magni u mistuħ kif definit fl-Artikolu 2, il-punti (13) u (14), tad-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill* u li jissodisfa r-rekwiżiti għat-tikketti diġitali stabbiliti fl-Artikolu 11b(4), il-punti (a) sa (d).

Meta jintuża trasportatur tad-data biex jipprovdi aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE, dan jenħtieġ li jakkumpanja l-prodott f'konformità mal-Artikolu 11b(5) u jkun ibbażat fuq waħda mis-soluzzjonijiet tekniċi elettroniċi li l-operaturi ekonomiċi jistgħu jużaw biex jipprovdu t-tikketta diġitali stabbilita abbażi tal-Artikolu 42(9). L-operaturi ekonomiċi li jipprovdu ddikjarazzjoni tal-konformità tal-UE bl-użu ta' trasportatur tad-data ma għandhomx jittraċċaw, janalizzaw jew jużaw kwalunkwe informazzjoni dwar l-

użu għal finijiet oħra għajr dak li huwa assolutament meħtieġ biex tīgħi pprovduta l-informazzjoni rilevanti b'mod digħi.

Meta tintuża tikketta digħi f'konformità mal-Artikolu 11a, it-trasportatur tad-data użat għat-tikketta digħi għandu jipprovdi wkoll aċċess għad-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.

*Id-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku, (ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dir/2019/1024/oj>).²⁹

6. Fejn leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni applikabbli għall-prodotti fertillzanti tal-UE tirrikjedi li l-operatur ekonomiku jinkludi l-informazzjoni li l-prodott jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti f'dik il-leġiżlazzjoni f'passaport digħi tal-prodotti jew li jtella' d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE f'passaport digħi tal-prodotti, l-informazzjoni stabbilita fl-Anness V li għandha tīgħi inkluża fid-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE u kwalunkwe informazzjoni dwar l-ittikkettar digħi f'konformità mal-Artikolu 11b, jekk applikabbli, għandha tīgħi pprovduta biss f'dak il-passaport digħi tal-prodotti.”

;

(8) fl-Artikolu 41(1), il-punt (c) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(c) id-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE ma tkunx tfasslet jew ma tkunx tfasslet b'mod korrett, jew il-prodotti fertillzanti tal-UE ma jkunx akkumpanjat mill-indirizz tal-internet jew mit-trasportatur tad-data li permezz tiegħu tista' tīgħi aċċessata d-dikjarazzjoni ta' konformità tal-UE.”

(9) l-Artikolu 42 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 4, id-dikjarazzjoni introduttora hija sostitwita b'dan li ġej:

“Il-Kummissjoni tista' tadotta atti delegati skont il-paragrafu 1 li jemendaw l-Anness II biex iżżejjid mikroorganiżmi jew varjanti ta' mikroorganiżmi ġodda, jew metodi tal-ipproċessar addizzjonali fil-kategorija ta' materjali komponenti għal tali organiżmi wara li tkun ivverifikat liema varjanti tal-mikroorganiżmi addizzjonali jissodisfaw il-kriterji fil-paragrafu 1, il-punt (b), abbażi tad-data li ġejja:”

;

(b) jiddaħħal il-paragrafu 4a li ġej:

“4a. Il-Kummissjoni tista' tadotta wkoll atti delegati skont il-paragrafu 1 li jemendaw l-Anness II biex tistabbilixxi kriterji u metodoloġija għall-valutazzjoni ta' mikroorganiżmi għajr dawk elenkti fl-Anness II, li, jekk il-konformità ma' dawk il-kriterji tintwera fil-valutazzjoni tal-konformità tal-prodotti fertillzanti tal-UE f'konformità ma' dik il-metodoloġija, jistgħu jintużaw bħala materjal komponenti fil-prodotti fertillzanti tal-UE. Il-kriterji u l-metodoloġija għandhom jippermettu l-verifika li l-mikroorganiżmi jissodisfaw il-kriterji fil-paragrafu 1, il-punt (b), u jipprevedu, bħala minimu, il-kunsiderazzjoni tal-elementi li ġejjin:

(a) letteratura xjentifika li tirrapporta dwar il-produzzjoni, il-konservazzjoni u l-użu sikuri tal-mikroorganiżmu;

- (b) relazzjoni tassonomika ma' speċijiet ta' mikroorganiżmi li jissodisfaw ir-rekwiżiti għal Preżunzjoni Kwalifikata tas-Sikurezza kif stabbilit mill-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel;
- (c) informazzjoni dwar il-proċess tal-produzzjoni tal-mikroorganiżmu, inkluż, fejn rilevanti, il-kompożizzjoni tal-medium għall-kultivazzjoni, il-metodi tal-ipproċessar bħat-tnixxif bl-atomizzazzjoni, it-tnixxif b'sodda fluwidizzata, it-tnixxif statiku, iċ-ċentrifugazzjoni, id-diżattivazzjoni permezz tas-ṣħana, il-filtrazzjoni u t-tħin;
- (d) informazzjoni dwar l-identità u l-livelli ta' residwi ta' intermedjarji tar-residwi, tossini jew metaboliti mikrobjali fil-materjal komponenti;
- (e) l-okkorrenza naturali, is-sopravivenza u l-mobbilità fl-ambjent;
- (f) is-suxxettibbiltà għall-ġġeni antimikrobiċi rilevanti kollha kif iddefinita fl-Anness, l-Introduzzjoni għall-Parti B, il-punt (ii)(28), tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013*, bl-eċċeżżjoni tar-reżistenza intrinsika.

*Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 283/2013 tal-1 ta' Marzu 2013 li jistipula r-rekwiżiti tad-data għas-sustanzi attivi, skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠU L 93, 3.4.2013, p. 1, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2013/283/oj>).'

;

- (10) jitħassar l-Artikolu 43;
- (11) l-Annessi I, II u IV tar-Regolament (UE) 2019/1009 huma emendati f'konformità mal-Anness IV ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 4

Dispożizzjonijiet tranżizzjonali

1. B'deroga mit-Taqsima 1.5.2.4.1 u mit-Taqsima 1.5.2.4.2 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif applikabbli fid-9 ta' Diċembru 2024, is-sustanzi u t-taħlitiet, sat-30 ta' ġunju 2026, jistgħu jkunu kklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat mill-punti (5), (6) u (7) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-Artikolu 30 u mill-Artikolu 48 tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 u mill-Parti 5 tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif applikabbli fil-9 ta' Diċembru 2024, is-sustanzi u t-taħlitiet, sal-31 ta' Diċembru 2027, jistgħu jkunu kklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat mill-Artikolu 1, il-punti (5), (7) u (8) ta' dan ir-Regolament u l-punt (9) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

B'deroga mill-Artikolu 17(1), l-Artikolu 25(6) tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008, it-Taqsima 1.5.1.2 u t-Taqsima 1.6 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif applikabbli nhar [Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data tal-jum ta' qabel id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], is-sustanzi u t-taħlitiet, sal-[Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data tal-aħħar jum tax-xahar li jiġi 35 xahar wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament], jistgħu jkunu kklassifikati, ittikkettati u imballati f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 1272/2008 kif emendat mill-Artikolu 1, il-punti (2) u (3) ta' dan ir-Regolament u l-punti (3) u (8) tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

2. L-Istati Membri ma għandhomx jimpedixxu t-tpoġġija għad-dispożizzjoni fis-suq ta' prodotti li tqiegħdu fis-suq f'konformità mar-Regolament (UE) 2019/1009 qabel [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Artikolu 5

Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

1. Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċċjali tal-Unjoni Ewropea*.
2. Il-punti (4) sa (7) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Lulju 2026.
3. L-Artikolu 1, il-punti (5) sa (8) u l-punti (1), (2) u (9) tal-Anness I għandhom japplikaw mill-1 ta' Jannar 2028.
4. L-Artikolu 1, il-punti (1), (2) u (3), u l-punti (3) u (8) tal-Anness I għandhom japplikaw minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data 36 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]
5. L-Artikolu 2, il-punti (1) sa (8) għandhom japplikaw minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*]
6. L-Artikolu 3, il-punti (1) sa (8), u l-Anness IV, il-punt (1) u (3), għandhom japplikaw minn [*Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet: għandha tiddaħħal id-data 24 xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Strasburgu,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President
[...]*

*Għall-Kunsill
Il-President
[...]*

DIKJARAZZJONI FINANZJARJA U DIĠITALI LEĠIŻLATTIVA

1.	QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	3
1.1.	Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva	3
1.2.	Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)	3
1.3.	Objettiv(i)	3
1.3.1.	Objettiv(i) ġenerali	3
1.3.2.	Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi	3
1.3.3.	Riżultat(i) u impatt mistennija	3
1.3.4.	Indikaturi tal-prestazzjoni	3
1.4.	Il-proposta/L-inizjattiva hija relatata ma':	4
1.5.	Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva	4
1.5.1.	Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnejha tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva	4
1.5.2.	Valur miżjud tal-involviment tal-UE (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż-gwadani mill-koordinazzjoni, ċertezza legali, aktar effettivitā jew komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' din it-taqSIMA, "valur miżjud tal-involviment tal-UE" huwa l-valur li jirriżulta mill-azzjoni tal-UE, li huwa addizzjonal għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istat Membri waħedhom	4
1.5.3.	Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħodd	4
1.5.4.	Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra	5
1.5.5.	Valutazzjoni tal-għażiex differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokkazzjoni	5
1.6.	Durata tal-proposta/tal-inizjattiva u tal-impatt finanzjarju tagħha	6
1.7.	Metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)	6
2.	MIŻURI TA' ĠESTJONI	8
2.1.	Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar	8
2.2.	Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll	8
2.2.1.	Ġustifikazzjoni tal-metodu/i tal-implimentazzjoni tal-baġit, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta	8
2.2.2.	Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom	8
2.2.3.	Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon bejn il-kostijiet tal-kontroll u l-valur tal-fondi relatati ġestiti) u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-ġħeluq)	8
2.3.	Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet	9
3.	IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA	10

3.1.	Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.....	10
3.2.	Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-appropriazzjonijiet	12
3.2.1.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet operazzjonali	12
3.2.1.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat	12
3.2.1.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	17
3.2.2.	Output stmat iffinanzjat minn appropriazzjonijiet operazzjonali.....	22
3.2.3.	Sommarju tal-impatt stmat fuq l-appropriazzjonijiet amministrattivi	24
3.2.3.1.	Appropriazzjonijiet mill-baġit ivvutat.....	24
3.2.3.2.	Appropriazzjonijiet minn dħul assenjat estern	24
3.2.3.3.	Total tal-appropriazzjonijiet.....	24
3.2.4.	Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani	25
3.2.4.1.	Iffinanzjati mill-baġit ivvutat	25
3.2.4.2.	Iffinanzjati minn dħul assenjat estern	26
3.2.4.3.	Rekwiżiti totali ta' riżorsi umani	26
3.2.5.	Ħarsa ġenerali lejn l-impatt stmat fuq l-investimenti relatati mat-teknoloġija diġitali	28
3.2.6.	Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali	28
3.2.7.	Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi.....	28
3.3.	Impatt stmat fuq id-dħul.....	29
4.	DIMENSIJONIJIET DIĠITALI	29
4.1.	Rekwiżiti ta' rilevanza diġitali	30
4.2.	Data	30
4.3.	Soluzzjonijiet diġitali	31
4.4.	Valutazzjoni tal-interoperabbiltà.....	31
4.5.	Miżuri li jappoġġaw l-implimentazzjoni diġitali	32

1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

Proposta għal

REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1272/2008, (KE) Nru 1223/2009 u (UE) 2019/1009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tas-simplifikazzjoni ta' ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi

1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

Regolamentazzjoni Aħjar, Kompetittivitā

1.3. Objettiv(i)

1.3.1. Objettiv(i) ġenerali

Li jiġu appoġġati t-tkabbir u l-iżvilupp tal-kumpaniji, u b'hekk jiżdiedu l-kompetittivitā u l-kontribut tagħhom għall-benesseri u l-prosperità Ewropej, filwaqt li fl-istess ħin jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent.

Li jiġi promoss ambjent tan-negozju favorevoli u li jitnaqqsu l-piżżejk amministrattivi għall-kumpaniji, u b'hekk tissaħħaħ il-kapaċċità tagħhom li jinnovaw, joħolqu l-impieg, u jikkontribwixxu għat- tkabbir ekonomiku.

1.3.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi

Li jiġu ssimplifikati u integrati ċerti rekwiżiti u proċeduri għall-prodotti kimiċi identifikati bħala li huma partikolarment ta' piż mill-industrija u mill-awtoritajiet.

Li jiżdiedu l-kosteffettività u l-kompetittività ġenerali tal-industrija tas-sustanzi kimiċi tal-UE u tas-setturi relatati, filwaqt li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tas-saħħha tal-bniedem u tal-ambjent.

1.3.3. Riżultat(i) u impatt mistennija

Il-proposta/l-inizjattiva hija mistennija jkollha l-effetti li ġejjin fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira:

[Ir-Regolament \(KE\) Nru 1272/2008](#)

- Is-simplifikazzjoni u l-għoti ta' aktar flessibbiltà lir-regoli tal-ifformattjarr għall-ittikkettar skont ir-Regolament (KE) Nru 1272/2008, it-tnejħha ta' kostijiet eċċessivi għall-industriji;
- It-naqqis tal-piż fuq in-negozji u t-titjib taċ-ċirkolazzjoni libera tas-sustanzi u t-taħlitiet, billi jittaffew l-obbligli għar-reklamar ta' sustanzi u taħlitiet perikolużi, u t-naqqis tal-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligli għar-reklamar u l-bejgħ mill-bogħod għall-pubbliku ġenerali.
- It-naqqis tal-piż amministrattiv għall-atturi fil-katina tal-provvista tas-sustanzi kimiċi billi jitneħħew l-iskadenzi preskritti għall-ittikkettar mill-ġdid.

- It-titjib taċ-ċarezza legali, biex b’hekk isir kontribut għal infurzar aħjar, billi jiġi ssimplifikat l-użu ta’ derogi għal imballaġġ iżgħar, u tiżdied aktar flessibbiltà għall-ittikkettar tal-istazzjonijiet tal-forniment tal-fjuwil.

[Ir-Regolament (KE) Nru 1223/2009]

- It-naqqis tal-piż amministrattiv u ta’ konformità bla bżonn għall-manifatturi tal-kożmetiċi, speċjalment l-SMEs, biex ikunu jistgħu jinvestu aktar fir-R&Ż u fl-innovazzjoni;
- L-iżgurar li l-konsumaturi u l-professjonisti jirċievu prodotti kożmetiċi sikuri li jissodisfaw il-ħtiġijiet u l-aspettattivi tagħhom.

[Ir-Regolament (UE) 2019/1009]

- It-tħeġġiġ tal-manifatturi biex jikkummerċjalizzaw il-prodotti tagħhom bħala prodotti fertilizzanti tal-UE fis-Suq Uniku;
- It-tħejjija tat-triq għall-użu ta’ varjetà akbar ta’ mikroorganiżmi fl-UE, il-ħolqien ta’ opportunitajiet ekonomiċi fl-UE u t-naqqis tal-użu tal-fertilizzanti mill-bdiewa;
